Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

4 ta' Awissu, 2000

## ATT Nru. XXII ta' l-2000

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 234.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-bastimenti jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' l-Att.

2. Kull fejn jinsabu l-kliem "lira" jew "liri" fl-Att prinċipali, minbarra fl-artikoli 337 u 346 u fl-Iskedi li jinsabu ma' l-Att, għandha tidħol il-kelma "*units*". Emenda ġenerali ta' l-Att prinċipali.

3. Fit-tifsira ta' "Reġistratur-Ġenerali" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Att;" għandhom jidħlu l-kliem "Att, u tinkludi lil kull persuna li taġixxi taħt l-awtorità tiegħu;". Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem minn "u bastimenti ta' tul ta' mhux iżjed minn erba' u għoxrin metru" sa "madwar il-kosta ta' Malta", għandhom jidħlu l-kliem "ta' tul ta' mhux iżjed minn erbgħa w għoxrin metru"; u

(ii) minnufih fi tmiem is-subartikolu għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda bastimenti ta' tul ta' sitt metri jew iżjed mhux użati biss għal navigazzjoni madwar il-kosta ta' Malta ma għandhomx ikunu eżenti mir-reġistrazzjoni.";

(b) minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Il-ħtiġiet ta' dan l-Att–

(a) li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispezzjon u s-sigurtà ta' bastimenti diġà mibnija , u

(b) li għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjoni ta' proprjetà ta' bastiment li jkun qed jinbena meta l-kostrutturi tiegħu ma jkunux għadhom għamlu l-konsenja lis-sidien,

għandhom jiġu sospiżi taħt dawk il-kondizzjonijiet li r-Reġistratur Ġenerali jista' jimponi, sakemm titlesta l-kostruzzjoni jew it-tagħmir tal-bastiment jew sakemm tkun saret il-konsenja, skond il-każ."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Ma għandu jiġi reġistrat ebda bastiment hlief mir-Reġistratur-Ġenerali jew bil-permess espress tiegħu jekk il-kompletar ta' l-ewwel kostruzzjoni ta' dak il-bastiment ikun sar iktar minn ħamsa w għoxrin sena qabel il-bidu tas-sena li fiha ssir għall-ewwel darba l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni taħt dan l-Att, u r-Reġistratur-Ġenerali jista' jippermetti r-reġistrazzjoni, jew jirrofta milli jippermetti r-reġistrazzjoni, ta' xi bastiment bħal dak:

Iżda l-Ministru jista', f'kull każ, jordna lir-Reġistratur-Ġenerali biex ma jirreġistrax xi bastiment, ikollu kemm ikollu żmien, li dwaru tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jekk, fil-fehma tal-Ministru, dan ikun ta' ħsara għall-interess nazzjonali ta' Malta jew għal kull interess ta' bastimenti Maltin li kieku dan kellu jiġi reġistrat.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) dawk il-persuni l-oħra li l-Ministru jista', b'regolamenti, jippreskrivi;";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) tiegħu;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, regolamenti magħmulin taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jistgħu, b'mod partikolari -

(a) jippreskrivu l-limitu ta' proprjetà ta' bastiment jew klassi ta' bastimenti eliġibbli għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att; u

(b) jippreskrivu kondizzjonijiet oħra li jmorru flimkien mal-ħtiġiet ta' proprjetà għal bastimenti eliġibbli għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att."; u

(d) is-subartikolu (3) kif enumerat mill-ġdid għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għaqda ta' persuni titqies li tissodisfa lill-Ministru kif meħtieġ bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba l-Ministru ma jkunx għamel dikjarazzjoni kontra; u l-Ministru jista', qabel ma jirtira dikjarazzjoni tali, jagħmel dawk il-kundizzjonijiet kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jinkludu li jingħataw garanzija jew pleġġ.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**6.** Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "u jekk iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jiġi konsenjat" fil-proviso tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "u jekk ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew ċertifikat ta' tħassir jiġi konsenjat"; u

(b) minnufih wara l-proviso relattiv għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, jekk jinħareġ ċertifikat ta' tħassir ma' l-għeluq ta' reġistrazzjoni skond l-artikolu 28A ta' dan l-Att, m'għandu jitħallas ebda dritt tar-reġistrazzjoni mal-ħruġ ta' dak iċ-ċertifkat ta' tħassir.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

7. Fl-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "għandu jkun fiha dik l-informazzjoni u dawk id-dettalji" għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "għandu jkun fiha dik l-informazzjoni, dawk id-dettalji u dokumenti".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

8. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "ir-reġistratur jista'" għandhom jidħlu l-kliem ", bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqis xierqa,"; u

(b) minnufih wara l-proviso għall-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur jista', qabel ir-reġistrazzjoni proviżorja ta' bastiment, jeħtieġ li dak il-bastiment jiġi spezzjonat minn spettur xieraq jew *surveyor* ta' bastimenti.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

9. L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "għal perjodu ieħor ta' xahar" għandhom jitħassru u minfloku jidħlu l-kliem "għal perjodu ieħor ta' xahrejn";

(ii) fil-proviso mal-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "sussegwentement għal ordni tal-qorti f'Malta b'bejgħ b'irkant tal-bastiment, jew xi ordni oħra ta' dik il-qorti," għandhom jitħassru; u

(iii) il-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu għandhom jitħassru; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "għal perjodu ieħor ta' tliet xhur" għandhom jitħassru u minfloku jidħlu l-kliem "għal perjodu ieħor ta', jew għal perjodi oħra li ma jkunux b'kollox jeċċedu, s-sitt xhur";

(ii) il-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tiegħu għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(a) prova li l-bastiment inharġulu dawk iċ-ċertifikati validi meħtieġa b'konvenzjonijiet internazzjonali (inklużi protokolli, annessi u appendiċijiet relattivi) li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika jew aderixxa għalihom jew aċċetta;

(b) ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ skond l-artikolu 14 ta' dan l-Att u kopja taċ-ċertifikat tal-kejl tat-tunnellaġġ:

Iżda r-Reġistratur Ġenerali jista', bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li huwa jqis xierqa, fil-każ ta' bastiment li jkun qed jinbena, jerga' jinbena jew jiġi mgħammar, jeżenta lil dak il-bastiment mill-ħtiġiet ta' dan il-paragrafu għal perjodu ta' sena li jista', għal raġuni tajba, jiġġedded għal perjodu ieħor ta' sena;"; u

(iii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ).

**10.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Il-bastimenti kollha" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr ħsara għal kull dispożizzjoni dwar bastimenti li jkunu qegħdin jinbnew, jerġgħu jinbnew jew jiġu mgħammra, il-bastimenti kollha". Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**11.** Minflok il-kliem "iċ-ċertifikat tal-bennej, kull att ta' bejgħ magħmul qabel" fl-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "kopja taċ-ċertifikat tal-bennej, kopja ta' l-aħħar att ta' bejgħ magħmul qabel". Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**12.** Minnufih wara l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 18A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Is-sid *manager* ta' bastiment jiġi reġistrat.

18A. (1) Ir-reġistratur jista' jeħtieġ li jiġu reġistrati għandu dawk il-partikolaritajiet, hekk kif jista' jqis xierqa, tas-sid *manager* għal dak iż-żmien li matulu bastiment ikun reġistrat taħt dan l-Att.

(2) Meta ma jkunx hemm sid *manager*, għandhom jiġu reġistrati l-partikolaritajiet ta' dik il-persuna l-oħra li lilha jkun fdat il-maniġġar tal-bastiment minn jew f'isem is-sid, u persuna li jkollha l-partikolaritajiet tagħha hekk reġistrati għandu jkollha, għall-għanijiet ta' dan l-Att, dawk l-istess obbligi u tkun suġġetta għall-istess responsabbiltajiet għar-rigward ta' kull att li jsir jew jonqos milli jsir minnha bħallikieku dak l-att sar jew naqas milli jsir mis-sid *manager*.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

13. L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "ċertifikati validi dwar is-sigurta` u l-linja tat-tagħbija" fl-ewwel proviso mas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u minflok għandhom jidħlu l-kliem "ċertifikati validi meħtieġa b'konvenzjonijiet internazzjonali (inklużi protokolli, annessi u appendiċijiet relattivi) li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika jew aderixxa għalihom jew aċċetta";

(b) il-kliem "ċertifikati validi dwar is-sigurta` u l-linja tat-tagħbija" fl-ewwel proviso mas-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u minflok għandhom jidħlu l-kliem "ċertifikati validi meħtieġa b'konvenzjonijiet internazzjonali (inklużi protokolli, annessi u appendiċijiet relattivi) li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika jew aderixxa għalihom jew aċċetta";

(ċ) minnufih wara l-kelma "ċertifikat" fit-tieni proviso mas-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "tar-reġistrazzjoni mhux operattiv";

(d) minnufih wara l-kliem "ċertifikat ta' tiġdid" fis-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "tar-reġistrazzjoni"; u

(e) il-kliem "għandu jinkludi l-partikolaritajiet tal-bastiment imniżżla fir-reġistru" fis-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar u minflok għandhom jidħlu l-kliem "għandu jinkludi l-isem u n-numru uffiċjali tal-bastiment u dawk il-partikolaritajiet, jekk ikun il-każ, li r-reġistratur jista' jqis xierqa".

Żieda ta' l-artikolu 19A ġdid ma' l-Att prinċipali.

14. Minnufih wara l-artiklu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'isem in-nolleġġatur.

19A. Fejn bastiment reġistrat taħt din il-Parti ta' dan l-Att ikun qiegħed jiġi mħaddem b'kuntratt ta' nolleġġ f'kull sena li dwarha min jieħdu b'nol ikun ħallas lir-reġistratur id-dritt ta' reġistrazzjoni għal dik is-sena, barra minn dak id-dritt ta' kull sena mħallas mis-sid, u dak il-bastiment ma jkunx ingħata reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* f'reġistru barrani, ir-Reġistratur Ġenerali, fuq applikazzjoni minn min ikun ħadu b'nol li magħha għandu jkollha kopja tal-ftehim ta' nolleġġ u l-kunsens bil-miktub tas-sidien tal-bastiment u tal-kredituri ipotekarji reġistrati kollha jista', bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li huwa jista' jqis xierqa, jawtorizza l-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni, kemm jekk provviżorju jew xort'oħra, f'isem l-istess nolleġġatur, minflok f'isem is-sid

reġistrat. Il-kopja ta' ftehim ta' nolleġġ preżentata ma' l-applikazzjoni ma tkunx disponibbli għall-ispezzjon tal-pubbliku.".".

**15.** Minflok il-kliem "ordni ta' qorti b'bejgħ fl-irkant ta' dak il-bastiment jew wara xi ordni oħra tal-qorti." fil-proviso ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti.".". Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

**16.** Minnufih wara l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 26A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Sospensjoni ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni. 26A. Meta taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' bastiment Malti, sew proviżorju sew xort'oħra, jiġi sospiż, il-persuna li toħroġ dik is-sospensjoni għandha tagħti lil, jew tara li jiġi notifikat, lill-kaptan jew lis-sid tal-bastiment avviż bil-miktub dwar is-sospensjoni, u minnufih, il-bastiment ma għandux isalpa u l-kaptan għandu minnufih jikkonsenja ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni lir-reġistratur jew lil xi uffiċjal konsulari ta' Malta.".

**17.** Minnufih wara l-artikolu 26A ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 26B ma' l-Att prinċipali.

"Ċertifikat mhux operattiv. 26B. Meta taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ċertifikat ta' reġistrazzjoni mhux operattiv, sew proviżorju sew xort'oħra, jinħareġ, il-bastiment ma għandux isalpa.".

**18.** Minnufih wara l-artikolu 26B ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 26C ma' l-Att prinċipali.

"Pieni. 26C. Jekk xi persuna tibgħat jew tipprova tibgħat, jew tieħu sehem biex jintbagħat jew f'attentat biex jintbagħat, bastiment fuq il-baħar bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 26A u 26B ta' dan l-Att, hi tista' teħel, għal kull reat priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* jew dik il-priġunerija u dik il-multa flimkien.".

**19.** L-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

"Validita` ta' ċertifikati tar-reġistrazzjoni. 27. (1) Ċertifikat tar-reġistrazzjoni, sew proviżorju sew xort'oħra, għandu jtemm milli jibqa' jiswa:

(a) fl-iskadenza tad-data tal-validità tiegħu;

(b) meta jiġi sospiż skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ċ) meta ċertifikat jiġi sostitwit b'ċertifikat ieħor maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(d) meta tingħalaq ir-reġistrazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta ċertifikat ta' reġistrazzjoni, sew proviżorju sew xort'oħra, ma jibqax jiswa, is-sid jew il-kaptan għandu minnufih jgħaddi dan iċ-ċertifikat lir-reġistratur jew, fil-każ li ċertifikat ikun sospiż skond l-artikolu 26A ta' dan l-Att, lir-reġistratur jew uffiċjal konsulari ta' Malta.

(3) Kull min, kif hawn aktar qabel imsemmi, jonqos mingħajr raġuni xierqa li jikkonsenja ċ-ċertifikat kif meħtieġ b'dan l-artikolu, jista' jeħel multa ta' mitt *unit*.".

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

**20.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-reġistratur jista' jirrifjuta dik it-talba jekk ma jkunx tħallas kull dejn u obbligazzjoni dwar il-bastiment lejn l-Awtorita`, il-Gvern ta' Malta u kull għaqda ta' persuni kostitwita b'liġi, sew għal drittijiet, ħlasijiet jew multi sew għal kull ħaġ'oħra, u għandu jirrifjuta dik it-talba kemm-il darba ma jiġix lilu ppreżentat il-kunsens bil-miktub tal-kredituri ipotekarji kollha li l-ipoteka navali tagħhom tkun reġistrata kif imiss dwar il-bastiment.".

**21.** Minnufih wara l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Għeluq tar-reġistrazzjoni meta jinbiegħ bastiment b'irkant fil-qorti jew minn kredituri ipotekarji li jkollhom pussess.

28A. Meta x-xerrej ta' bastiment ma jkunx persuna kwalifikata li tkun is-sid ta' bastiment Malti taħt dan l-Att, malli r-reġistratur isir jaf jew jingħata avviż dwar dak il-fatt u -

(a) fil-każ ta' bejgħ li jsir wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti, malli jirċievi kopji tal-proċedimenti tal-bejgħ hekk kif ċertifikati għas-sodisfazzjon tiegħu, jew

(b) fil-każ ta' bejgħ minn kreditur ipotekarju li jkollu pussess skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 42 ta' dan l-Att, malli tiġi pprezentata kopja ta' l-att ta' bejgħ hekk kif ċertifikat għas-sodisfazzjon tiegħu,

l-istess reġistratur għandu jniżżel dan kollu fir-reġistru u r-reġistru tal-bastiment għandu jitqies bħala magħluq ħlief sa fejn jirrigwarda ipoteki navali mhux sodisfatti li jkunu reġistrati fih.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa li tingħata ordni jew direttiva li tingħalaq reġistrazzjoni.

29. (1) Il-Ministru jista' jordna li bastiment ma jibqax ikun reġistrat jekk ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin.

(2) Ir-Reġistratur-Ġenerali jista' jagħti ordni li bastiment ma jibqax ikun reġistrat f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) jekk id-dritt ta' kull sena ma jkunx ġie mħallas kif imiss skond dan l-Att;

(b) jekk il-formalitajiet speċifikati fl-artikolu 13 ta' dan l-Att ma jkunux gew imħarsa fi żmien il-perjodi massimi speċifikati fih;

(ċ) jekk jiġri li bastiment reġistrat jiġi attwalment jew meqjus bħala mitluf, meħud mill-għadu, maħruq jew imkisser, jew ma jibqax ikun bastiment Malti minħabba trasferiment lil persuni mhux kwalifikati li jippossjedu bastiment Malti jew minħabba xi raġuni oħra;

(d) jekk is-sid jonqos li josserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) jekk jiġi stabbilit li l-bastiment ma jiġix jew ma jkunx jista' jiġi reġistrat taħt dan l-Att;

(f) jekk, fejn ikun meħtieġ, xi kondizzjonijiet stabbiliti mill-Ministru skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att ma jiġux imħarsa għal perjodu ta' iżjed minn xahar;

(ġ) jekk is-sid jonqos li jħallas xi multa imposta skond dan l-Att jew xi penali fi żmien xahar minn meta jintalbu bil-miktub mir-reġistratur; jew

(ħ) jekk is-sid jonqos li jkollu fil-pussess tiegħu ċertifikat validu ta' reġistrazzjoni, sew proviżorju sew xort'oħra, għal perjodu ta' iżjed minn xahar.

(3) Qabel il-ħruġ ta' xi ordni jew direttiva bħal dawk, ir-reġistratur għandu jagħti avviż ta' xahar bil-miktub lis-sid reġistrat u lil kull kreditur ipotekarju reġistrat, dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħlaq ir-reġistrazzjoni kemm-il darba l-kawża għal dak l-għeluq ma tiġix rimedjata. Ir-reġistratur għandu jispeċifika fl-avviż ir-raguni ta' l-għeluq u d-data ta' skadenza għall-osservanza li fin-nuqqas tagħha jkollu jsir l-għeluq.

(4) Mal-ħruġ ta' xi avviż skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur għandu jagħmel notament dwar dan fir-reġistru u għandu jniżżel id-data meta jiskadi l-perjodu ta' xahar.

(5) Ma' għeluq l-imsemmi xahar mill-għoti ta' l-avviż u malli jirċievi l-ordni mingħand il-Ministru jew id-direttiva mingħand ir-Reġistratur-Ġenerali, skond il-każ, ir-reġistratur għandu jniżżel dan fir-reġistru u l-bastiment minnufih ma jibqax bastiment Malti u r-reġistrazzjoni tal-bastiment titqies bħala magħluqa hlief safejn tirreferi għal xi ipoteki navali u privileġġi mhux sodisfatti mniżżla fiha, u l-krediturì ipotekarji jkollhom id-dritt li jitolbu l-bejgħ immedjat tal-bastiment jew sehem fih bħallikieku d-debitur ma żammx mal-kundizzjonijiet kollha li taħthom ikun ingħata l-kreditu.".

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

**23.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċertifikat ta' tħassir.

30. (1) Meta r-reġistrazzjoni ta' bastiment, sew proviżorja sew xort'oħra, tkun ġiet magħluqa, ir-reġistratur għandu, fuq talba tas-sid reġistrat jew, meta r-reġistru ta' bastiment ikun ingħalaq skond l-artikolu 28A ta' dan l-Att fuq talba tax-xerrej, johrog ċertifikat ta' tħassir:

Iżda r-reġistratur jista' jirrifjuta li joħroġ dak iċ-ċertifikat jekk ma jkunx tħallas kull dejn u obbligazzjoni dwar il-bastiment lejn l-Awtorità, il-Gvern ta' Malta u kull għaqda

ta' persuni kostitwita b'liġi, sew għal drittijiet, ħlasijiet jew multi sew għal kull ħaġ'oħra, jew jekk ma jkunx ġie lilu ċedut xi ċertifikat tar-reġistrazzjoni, sew proviżorju sew xort'oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

**24.** Minflok il-kliem "ordni ta' qorti b'bejgħ fl-irkant ta' dak il-bastiment jew wara xi ordni oħra tal-qorti." fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**25.** L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tal-qorti li tipprojbixxi trasferiment.

37. (1) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista', jekk jidhrilha xieraq (u bla ħsara ta' l-eżerċizzju ta' xi setgħa oħra tal-qorti), fuq talba b'ċitazzjoni ta' xi persuna li tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment, tagħmel ordni li jkun jipprojbixxi għal żmien speċifikat, li f'ebda każ ma għandu jkun ta' iktar minn sena, kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih, u l-qorti tista' tagħmel l-ordni b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa, bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, magħduda, bla ħsara għall-ġeneralità ta' hawn aktar qabel, l-impożizzjoni ta' obbligu għall-provediment ta' garanzija xierqa għal danni, mgħax u spejjeż, jew tista' tirrifjuta li tagħmel l-ordni, jew tista' tneħħi l-ordni meta jkun sar, bl-ispejjeż jew mingħajrhom, u b'mod ġenerali tista' taġixxi skond kif ikun ġust f'dak il-każ; u kull reġistratur, mingħajr ma jissejjaħ parti fil-proċedimenti, għandu, meta jiġi notifikat b'ordni jew jingħata avviż tiegħu, jobdi dak l-ordni u jniżżel notament dwaru u d-data ta' skadenza relattiva fir-reġistru tal-bastiment.

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha, u fin-nuqqas tkun nulla, tindika ammont fi flus Maltin jew barranin li jitqies, għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, bħala l-ammont tal-pretensjoni.

(3) Il-Qorti ma għandhiex toħroġ ordni skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u għandha tneħħi kull ordni bħal dak meta jkun sar, jekk tkun sodisfatta li d-drittijiet ta' l-attur ikunu diġà gew xort'oħra assigurati.

(4) Meta l-intimat jew jiddepożita fil-qorti l-ammont tal-pretensjoni fil-munita indikata fiċ-ċitazzjoni jew iġib garanzija, li tkun sodisfaċenti għall-qorti, biex tkopri dik il-pretensjoni, il-qorti ma għandhiex toħroġ l-ordni jew meta l-qorti tkun ħarġet l-ordni, hija għandha tirrevoka l-istess ordni għar-rigward tal-bastiment jew is-sehem fih, u d-

dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom minnufih ikunu japplikaw għar-rigward ta' l-ammont hekk depożitat jew tal-garanzija hekk magħmula skond il-każ.

(5) Il-Qorti għandha tappunta ċ-ċitazzjoni għas-smigħ fi żmien għoxrin jum minn meta din tiġi ppreżentata; iktar minn hekk il-qorti tista', fuq talba ta' l-attur, tagħmel ordni proviżorju li jipprojbixxi kull negozju bħal dak sakemm il-qorti tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-meriti taċ-ċitazzjoni jew sakemm il-qorti tkun irrevokat l-ordni proviżorju.

(6) Jekk l-ordni, sakemm dan ma jkunx ordni proviżorju, jinħareġ biex jiġi garantit il-kreditu li jkun għadu ma ġiex ġudizzjarjament verifikat, kemm-il darba l-proċedimenti dwar il-meriti tal-kreditu ma jkunux diġà pendenti, sew f'qorti Maltija jew f'xi qorti kompetenti oħra jew arbitraġġ, l-attur li jikseb dak l-ordni jkun obbligat li jipproċedi għal dak il-kreditu, f'Malta jew f'xi qorti kompetenti oħra jew f'arbitraġġ, fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-ħruġ ta' l-ordni definittiv u jekk jonqos li jagħmel dan, il-qorti li tkun ħarġet l-ordni għandha, fuq talba tas-sid jew ta' xi parti oħra li jkollha interess, tirrevoka l-istess ordni; u meta l-qorti tkun ħarġet ordni proviżorju, l-attur ikun obbligat li jipproċedi għall-kreditu fi żmien tletin jum mill-ħruġ ta' l-ordni proviżorju jew tmint ijiem mill-ordni definittiv, skond liema jaħbat l-ewwel.

Kap. 12.

(7) Minkejja kull dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ordni mogħti kif hawn aktar qabel imsemmi, ukoll jekk proviżorju, għandu jkun immedjatament esegwibbli.

(8) Ordni li jinħareġ bis-saħħa ta' dan jista' jiġi mtawwal mill-Qorti fuq talba ta' l-attur għal perjodu jew perjodi ulterjuri kull wieħed ta' mhux iktar minn sena; iżda dan iseħħ kemm-il darba l-attur jikkonferma li l-ordni jkun għadu meħtieġ u r-rikors jiġi ppreżentat mill-inqas tletin jum qabel l-iskadenza tal-perjodu korrenti ta' dak l-ordni. Malli jsir dak ir-rikors il-qorti għandha ttawwal dak l-ordni u dik l-estensjoni għandha tiġi notifikata lill-intimat kif ukoll lir-reġistratur li għandu jniżżel id-data ta' skadenza ġdida fir-reġistru tal-bastiment.

(9) Ordni li jinħareġ bis-saħħa ta' dan l-artikolu ma għandux jolqot:

(a) id-drittijiet tad-detentur ta' xi ipoteka navali reġistrata dwar il-bastiment jew rikonoxxuta skond dan l-Att, inklużi d-drittijiet speċifikati fl-artikolu 42 ta' dan l-Att;

(b) il-kapaċità tar-reġistratur li jħassar xi bastiment jew li joħroġ xi ċertifikat ta' tħassir dwaru wara xi dispożizzjoni ta' dan l-Att minbarra fuq talba tas-sid skond l-artikolu 28 ta' dan l-Att;

(ċ) il-bejgħ tal-bastiment wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti li l-bastiment kien fil-ġurisdizzjoni tagħha fil-waqt tal-bejgħ;

(d) ir-reġistrazzjoni tal-bastiment *bareboat charter* f'reġistru barrani b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IIA ta' dan l-Att.

(10) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu:

(a) dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu ikun pretensjoni:

(i) msejjes fuq dritt ta' proprjetà; jew

(ii) garantit b'ipoteka navali; jew

(iii) garantit b'xi piż li jkun reġistrat; jew

(iv) garantit bi privileġġ jew pleġġ fuq il-bastiment li jitnissel mill-operat tal-liġi Maltija jew tal-liġi li tapplika għall-pretensjoni; jew

(v) kull pretensjoni oħra li tnissel pretensjoni *in rem* kontra bastiment taħt il-liġi Maltija;

(b) it-tneħħija ta', jew emenda bil-għan li jitnaqqas, l-ammont garantit b'ipoteka navali ma għandux jitqies bħala li jikkostitwixxi negozju dwar bastiment jew xi sehem fih;

(ċ) il-garanzija ta' bank Malti jew ta' bank barrani dwar is-saħħa tal-munita kkwotata fil-pretensjoni għandha tkun tikkwalifika bħala garanzija sodisfaċenti; iżda jekk jiġri li dik il-garanzija tiġi depożitata fir-reġistru tal-qrati, il-bank barrani li jkun qed joħroġ il-garanzija

għandu mingħajr ebda kundizzjoni joqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-obbligi tiegħu taħt il-garanzija.".

Emenda ta' l-artikolu 37 D ta' l-Att prinċipali.

**26.** L-artikolu 37D ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jkun emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "ordni tal-qorti fil-bejgħ bl-irkant tal-bastiment, minn qorti kompetenti" fit-tieni proviso għandhom jidħlu l-kliem "ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti";

(ii) minnufih wara l-kliem "l-interess tal-kredituri" fit-tieni proviso tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "kif ukoll dak ta' kull kreditur ieħor";

(iii) il-kliem minn ", u meta f'xi każ bħal dak ix-xerrej" sa "ipoteki navali mhux issodisfatti mniżżla fih" fit-tieni proviso tiegħu għandhom jitħassru; u

(iv) minnufih wara t-tieni proviso tiegħu għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, meta bastiment ikun inbiegħ minn kreditur ipotekarju pussessur skond id-drittijiet tiegħu skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 42 ta' dan l-Att u jiġi dikjarat fl-att ta' bejgħ li l-bastiment ikun qed jinbiegħ liberu minn dak il-piż, għaldaqshekk id-drittijiet li jitnisslu minn dik l-ipoteka navali reġistrata ma jibqgħux iktar esegwibbli għar-rigward ta' dak il-bastiment."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "bejgħ b'irkant" għandhom jidħlu l-kliem "bejgħ magħmul wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti";

(ii) minnufih wara l-kliem "mid-data tar-reġistrazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem ", dokumentazzjoni jew annotazzjoni"; u

(iii) minnufih wara l-kliem "fir-reġistru li għalih il-bastiment jappartjeni" għandhom jidħlu l-kliem "jew meta

ma tkun tniżżlet ebda reġistrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni f'dak ir-reġistru mid-data ta' l-għeluq tar-reġistru tal-bastiment f'dik ir-reġistrazzjoni wara dak il-bejgħ volontarju".

27. L-artikolu 38 ta' l-att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "self jew dejn ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "kull dejn jew obbligazzjoni oħra"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "li jsir mid-debitur ipotekarju" għandhom jidħlu l-kliem "favur il-kreditur ipotekarju";

(b) is-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Ipoteka navali hija indiviżibbli minkejja d-diviżibilita` tad-dejn jew obbligazzjoni oħra li jkun hemm u li għalihom dik l-ipoteka navali tista' tkun ta' garanzija."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Ipoteka navali tista', skond il-liġi, tiġi esegwita u reġistrata favur fiduċjarju ta' garanzija maħtur jew li jkun qed jaġixxi skond *trust* għall-benefiċċju ta' persuni li lilhom ikunu dovuti xi dejn jew obbligazzjoni oħra. Dak il-fiduċjarju ta' garanzija għandu, f'kull każ bħal dak, ikun rikonoxxut bħala l-kreditur ipotekarju ta' l-ipoteka navali partikolari u jkollu jedd iwettaq id-drittijiet kollha għar-rigward ta' dik l-ipoteka navali hekk kif għandhom il-kredituri ipotekarji bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra.

(5) Ipoteka navali reġistrata taħt dan l-Att tista' tiġi formulata b'mod li tkun ta' garanzija għall-ħlas ta' ammont prinċipali u l-imgħax fuqu, kont korrenti, kif ukoll it-twettiq ta' kull obbligazzjoni oħra. Ma jkunx meħtieġ li jiġi indikat il-valur monetarju ta' l-ammont midjun fl-ipoteka navali.

(6) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, il-frażi "kont korrenti" tfisser kull ammont midjun ta' debitur ipotekarju favur kreditur ipotekarju li jitnissel u hu determinabbli skond obbligazzjoni li jkun hemm, u d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi tal-Kummerċ fuq il-kuntratt ta' kont kurrent inklużi d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 264 tiegħu ma għandhomx ikunu japplikaw għal dan kemm-il darba l-partijiet ma jkunux qablu dwar dan b'mod espress.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**28.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta tali ipoteka navali ulterjuri tiġi esegwita favur kreditur ipotekarju eżistenti, ma jkun jenħtieġ ebda kunsens tali minn dak il-kreditur ipotekarju.".

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni li hemm għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) minflok il-kliem "skond id-data li fiha" fis-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jidħlu l-kliem "skond id-data u l-ħin li fihom"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kreditur ipotekarju reġistrat ikun jista', skond il-liġi, għar-rigward ta' bastiment jew xi sehem fih, permezz ta' strument bil-miktub, jaqbel li jirrinunzja jew xort'oħra jipposponi d-drittijiet tiegħu taħt l-ipoteka navali, u meta tinġieb lir-reġistratur talba jew kunsens bil-miktub minn dak il-kreditur ipotekarju, ir-reġistratur għandu jara li jitniżżel notament fir-reġistru ta' dak il-bastiment li tkun tgħid li d-drittijiet ta' dak il-kreditur ipotekarju jkunu ġew rinunzjati jew posposti skond il-każ, u għandu jiddokumenta dik ir-rinunzja jew dak il-posponiment fir-reġistru:

Iżda dik ir-rinunzja jew dak il-posponiment ma għandhomx jolqtu lil terzi kemm-il darba dik l-annotazzjoni ma tkunx tniżżlet fir-reġistru.".

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

**30.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "xi patt jew kondizzjoni ta' ipoteka navali

reġistrata" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi dokument jew ftehim imsemmi fiha".

31. L-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-dispożizzjoni li hemm għandha tiġi enumerata bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall għanijiet ta' l-artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili, ir-reġistrazzjoni ta' strument ta' trasferiment ta' ipoteka navali reġistrata ta' bastiment jew ta' sehem li ssir mir-reġistratur fir-reġistru ta' dak il-bastiment skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha titqies li tikkostitwixxi notifika taċ-ċessjoni ta' dik l-ipoteka navali lid-debitur ipotekarju.".

32. Minnufih wara l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' l-artikolu 44A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Ċessjoni ta' parti minn dejn jew obbligazzjoni oħra.

44A. (1) Iċ-ċessjonarju ta' parti minn dejn jew obbligazzjoni oħra garantiti permezz ta' ipoteka navali reġistrata ta' bastiment jew ta' xi sehem jista' skond il-liġi, jitlob li ċ-ċessjoni titniżżel fir-reġistrazzjoni ta' bastiment partikulari għal dik il-parti hekk ċeduta u r-reġistratur għandu, malli jinġiebulu l-istrument ta' trasferiment relattiv flimkien ma' l-ipoteka navali li jkun jirrigwarda, minnufih jgħaddi biex jiddokumenta dik iċ-ċessjoni parzjali billi jniżżel fir-reġistru l-isem taċ-ċessjonarju bħala kreditur ipotekarju ieħor tal-bastiment jew sehem, u għandu, permezz ta' memorandum miktub minnu stess, jagħmel notament fuq l-ipoteka navali li dik iċ-ċessjoni ġiet dokumentata minnu nnifsu, u jikteb id-data u l-ħin tad-dokumentazzjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 44 ta' dan l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għaċ-ċessjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

33. L-artikolu 45A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 45A ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tista' ssir emenda ta' ipoteka navali għal kull raġuni li tkun.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita` ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, u dejjem bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (6) ta' dan l-artikolu, għandha ssir emenda ta' ipoteka navali għal xi waħda jew iktar minn dawn l-għanijiet li ġejjin:

(a) biex jiżdied l-ammont garantit b'dik l-ipoteka navali; u

(b) biex dik l-ipoteka navali tiġi estiża biex tiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra tad-debitur ipotekarju, kemm bħala debitur prinċipali kif ukoll bħala garanti għal xi persuna oħra, a favur tal-kreditur ipotekarju."; u

(ċ) is-subartikoli (3), (4) u (5) li hemm għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4), (5) u (6) tiegħu.

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

**34.** Il-paragrafu (ħ) ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minflok għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ħ) is-salarji u ammonti oħra dovuti lill-kaptan, uffiċjali u ekwipaġġ ieħor tal-bastiment għar-rigward ta' l-impieg tagħhom fuq il-bastiment, inkluża kull nefqa għar-rimpatriju u kontribuzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni soċjali li jitħallsu għalihom;".

Emenda ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali.

**35.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 44, 45, 45A u 48 ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw għar-rigward tal-privileġġ hawn aktar qabel imsemmi u d-dritt ta' rkupru tal-bejjiegħ għar-rigward ta' bastimenti reġistrati taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali.

**36.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, meta ssir talba lill-kreditur permezz ta' ittra uffiċjali li tiġi lilu notifikata minn persuna li jkollha interess fil-bastiment, il-kreditur ikollu l-obbligu li jiddikjara l-ammont tal-pretensjoni tiegħu permezz ta' att ġudizzjarju li jiġi ppreżentat fi żmien jumejn mid-data tan-notifika lilu tat-talba hawn aktar qabel imsemmija, u fin-nuqqas huwa jkun obbligat li jirrilaxxa l-bastiment minnufih.".

**37.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 54A ta' l-Att prinċipali, il-kliem "u (p) ta' l-artikolu 50 ta' dan l-Att." għandhom jitħassru u minflok għandhom jidħlu l-kliem "u (p) ta' l-artikolu 50 ta' dan l-Att u bi preferenza għal krediti ipotekarji u privileġġati oħra.". Emenda ta' l-artikolu 54A ta' l-Att prinċipali.

**38.** Minflok il-kliem "u l-poppa tal-bastiment." fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "u l-poppa tal-bastiment u r-Reġistratur-Ġenerali għandu minnufih jgħaddi biex javża bil-miktub lil kull kreditur ipotekarju reġistrat bil-bidla fir-reġistru.". Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

**39.** Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 84Ċ ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 84Ċ ta' l-Att prinċipali.

"(a) il-bastiment ikun *bareboat chartered* lil ċittadin ta' Malta, jew lil għaqda ta' persuni jew lil dawk il-persuni oħra hekk kwalifikati li jkunu sidien ta' bastiment Malti skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att;".

**40.** Minnufih wara l-kliem "fit-23 ta' Ġunju, 1969," fil-proviso li hemm ma' l-artikolu 84D ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "(inkluż kull protokoll jew emenda għal dik il-konvenzjoni li jkollhom ir-ratifika, l-adeżjoni jew l-aċċettazzjoni tal-Gvern ta' Malta)". Emenda ta' l-artikolu 84D ta' l-Att prinċipali.

**41.** L-artikolu 84F ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 84F ta' l-Att prinċipali.

(a) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) joħroġ ċertifikat proviżorju ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter*, skond il-każ, li jkun jinkludi d-data ta' l-iskadenza tar-reġistrazzjoni, l-isem u n-numru uffiċjali tal-bastiment, l-isem tal-port ta' ritorn Valletta u dawk il-partikolaritajiet, jekk ikun hemm, li r-reġistratur jista' jqis li jkunu xierqa:

Iżda, kemm-il darba ma jkunx xort'oħra eżentat, jekk il-bastiment ma jkollux iċ-ċertifikati validi meħtieġa b'konvenzjonijiet internazzjonali (inklużi protokolli, annessi u appendiċijiet relattivi) li jkollhom ir-ratifika, l-adeżjoni jew l-aċċettazzjoni tal-Gvern ta' Malta u dawk iċ-ċertifikati l-oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi permezz ta' regolamenti, ir-reġistratur għandu joħroġ ċertifikat proviżorju ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* mhux operattiv jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* mhux operattiv, skond il-każ."; u

(b) minnufih wara l-kliem "ċertifikat ta' *bareboat charter*" fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem ", sew proviżorju sew xort'oħra,".

Emenda ta' l-artikolu 84H ta' l-Att prinċipali.

**42.** Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 84H ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) joħroġ ċertifikat ta' estensjoni ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* li għandu jinkludi d-data ta' l-iskadenza ta' dik l-estensjoni, l-isem u n-numru uffiċjali tal-bastiment, l-isem tal-port ta' ritorn Valletta u dawk il-partikolaritajiet, jekk ikun hemm, li r-reġistratur jista' jqis li jkunu xierqa; u".

Emenda ta' l-artikolu 84J ta' l-Att prinċipali.

**43.** Minflok il-kliem "iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter*" fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 84J ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter*, sew proviżorju sew xort'oħra,".

Emenda ta' l-artikolu 84K ta' l-Att prinċipali.

**44.** Minflok il-kliem "tingħalaq jekk" fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 84K ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "tista' tingħalaq jekk".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 84N ta' l-Att prinċipali.

**45.** L-artikolu 84N ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Għeluq tar-reġistrazzjoni ta' *bareboat charter*.

84 N. (1) Il-Ministru jista' jordna li r-reġistrazzjoni ta' bastiment taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att tingħalaq jekk dan ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin.

(2) Ir-Reġistratur-Ġenerali jista' jordna li r-reġistrazzjoni ta' bastiment taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att tingħalaq għal xi raġuni speċifikata fis-subartikolu (2) ta' l-

artikolu 29 ta' dan l-Att, safejn raġuni tkun applikabbli għal bastiment reġistrat taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(3) Qabel il-ħruġ ta' xi ordni jew direttiva bħal dawk, ir-reġistratur għandu jagħti avviż ta' xahar bil-quddiem u bil-miktub lin-nolleġġatur dwar il-ħsieb tiegħu li jagħlaq ir-reġistrazzjoni kemm-il darba r-raġuni għal dak l-għeluq ma tiġix rimedjata. Ir-reġistratur għandu jispeċifika fl-avviż ir-raġuni għall-għeluq u d-data ta' skadenza sa meta n-nolleġġatur ikun jista' jikkonforma ruħu, u fin-nuqqas iseħħ l-għeluq.

(4) Mal-ħruġ ta' xi avviż skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, r-reġistratur għandu jagħmel notament dwar dan fir-reġistru u għandu jniżżel id-data meta jiskadi l-perjodu ta' xahar.

(5) Ma' għeluq l-imsemmi xahar mill-għoti ta' l-avviż u malli jirċievi l-ordni mingħand il-Ministru jew id-direttiva mingħand ir-Reġistratur-Ġenerali, skond il-każ, ir-reġistratur għandu jniżżel dan fir-reġistru u l-bastiment minnufih ma jibqax bastiment Malti u r-reġistrazzjoni tal-bastiment titqies bħala magħluqa.

(6) Meta n-nolleġġatur ta' bastiment reġistrat taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, ikun jixtieq li jagħlaq ir-reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* ta' dak il-bastiment, huwa għandu jagħmel talba għal hekk lir-reġistratur li fiha huwa jagħti dawk il-partikolaritajiet u informazzjoni kollha li r-reġistratur jista' jitlob għal dak il-għan, u r-reġistratur jista' jirrifjuta dik l-applikazzjoni kemm-il darba ma jkunx tħallas kull dejn u obbligazzjoni dwar il-bastiment lejn l-Awtorità, il-Gvern ta' Malta u kull għaqda ta' persuni imwaqqfa b'liġi, sew għal drittijiet, ħlasijiet u multi sew għal ħwejjeġ oħra.

(7) Ir-reġistratur għandu jagħlaq ir-reġistrazzjoni ta' bastiment taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, u għandu jniżżel dak il-fatt fir-reġistru, jekk -

(a) il-Ministru jkun ordna dak l-għeluq skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu;

(b) ir-Registratur-Ġenerali jkun ordna dak l-għeluq skond ma hemm fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;

(ċ) ikun intalab għeluq volontarju ta' reġistrazzjoni u dik it-talba ġiet milqugħa mir-reġistratur skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu;

(d) l-awtoritajiet xierqa tar-reġistru sottostanti, jew is-sidien, jew xi wieħed mill-kredituri ipotekarji, jekk ikun hemm, ikunu irtiraw il-kunsens tagħhom għar-reġistrazzjoni f'Malta ta' *bareboat charter*;

(e) ir-reġistrazzjoni fir-reġistru sottostanti tkun ġiet terminata għal xi raġuni;

(f) in-nolleġġ jiddekadi jew jiġi terminat minn xi parti fih; jew

(ġ) il-perjodu li għalih il-bastiment ikun ingħata reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* jiddekadi u ma tkun ġiet mogħtija ebda estensjoni skond l-artikolu 84H ta' dan l-Att.

(8) Ma' l-għeluq ta' reġistrazzjoni skond is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu l-bastiment ma jibqax bastiment Malti u r-reġistratur għandu minnufih javża lill-awtoritajiet xierqa tar-reġistru sottostanti, lis-sidien u lill-kredituri ipotekarji, jekk ikun hemm, b'dak l-għeluq.

(9) Ir-reġistratur jista' jirrifjuta li joħrog ċertifikat ta' kanċellazzjoni jew traskrizzjoni tar-reġistru li turi l-għeluq tar-reġistrazzjoni sa dak iż-żmien meta -

(a) ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' *bareboat charter*, sew proviżorju sew xort'oħra, maħruġ skond l-artikolu 84F ta' dan l-Att ikun ingħata lura lilu; u

(b) jkun tħallas kull dejn u obbligazzjoni dwar il-bastiment lejn l-Awtorità, il-Gvern ta' Malta u kull għaqda ta' persuni imwaqqfa b'liġi, sew għal drittijiet, ħlasijiet u multi sew għal ħwejjeġ oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 84P ta' l-Att prinċipali.

**46.** L-artikolu 84P ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "ħmistax-il" fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandha tidħol il-kelma "tletin";

(b) minnufih fi tmiem il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"u dak il-kunsens ikun validu għal perjodu li ma jkunx jeċċedi t-terminu tal-*bareboat charter* jew għal perjodu li ma jeċċedix is-sentejn, skond liema jkun l-iqsar perjodu, u, f'kull każ, dak il-kunsens jiddekadi meta tiskadi r-reġistrazzjoni tal-bastiment taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att kemm-il darba din l-iskadenza ma tkunx ittawlet kif provdut f'dik l-istess Taqsima ta' dan l-Att.";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Fuq talba tas-sid jew ta' l-aġent awtorizzat tiegħu, ir-Reġistratur-Ġenerali jista' jestendi għal darba jew iktar drabi l-kunsens tiegħu kif imsemmi fl-artikolu 84O ta' dan l-Att għall-perjodu li jifdal tan-nolleġġ jew sa l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-bastiment taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att, skond liema jkun l-iqsar perjodu, iżda f'ebda każ għal perjodi li jeċċedu s-sentejn ta' kull darba.".

Emenda ta' l-artikolu 84X ta' l-Att prinċipali.

**47.** Il-kliem "u wara li jkun ta lis-sidien u lin-nolleġġaturi tal-bastiment opportunità raġonevoli biex jagħmlu oġġezzjonijiet" fil-paragrafu (a) tal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 84X ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-intestatura u żieda ta' l-artikolu 84 Z ġdid ma' l-Att prinċipali.

**48.** L-intestatura "TAQSIMA III - TAXXI U KONĊESSJONIJIET" li tiġi minnufih wara l-artikolu 84Y ta' l-Att prinċipali għandha titħassar u minflokha tidħol l-intestatura "TAQSIMA III - KUMPANNIJI TA' BASTIMENTI U ORGANIZZAZZJONIJIET OĦRA" u wara dan u minnufih qabel l-artikolu 85 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Organizzazzjoni ta' Bastimenti.

84Z. (1) Organizzazzjoni tikkwalifika bħala organizzazzjoni ta' bastimenti taħt dan l-Att jekk l-għanijiet ewlenin tagħha huma xi waħda jew aktar minn dawn l-attivitajiet li ġejjin u tikseb u jkollha liċenza mir-Reġistratur-Ġenerali biex tkun tista' tiġġestixxi attivitajiet bħal:

(a) il-proprjetà, it-tħaddim (sew b'nolleġġ sew xort'oħra), l-amministrazzjoni u l-maniġġ ta' bastiment jew bastimenti reġistrati bħala bastiment Malti skond

dan l-Att u l-ġestjoni ta' kull attività anċillari ta' xorta finanzjarja, sikurattiva u kummerċjali f'dak kollu relattiv;

(2) Organizzazzjoni ta' bastimenti tista' tiġi mwaqqfa għal xi għan leġittimu kif maħsub fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu bħala

(a) kumpannija ta' responsabbiltà limitata; jew

(b) soċjetà f'isem kollettiv; jew

(ċ) soċjetà in akkomandita;

u kumpannija jista' jkollha status ta' –

(a) kumpannija pubblika; jew

(b) kumpannija privata.

(3) Organizzazzjoni ta' bastimenti tista' wkoll taġixxi bħala *trust* (*"shipping trust")* jew tkun fondazzjoni ("fondazzjoni ta' bastimenti").

(4) Organizzazzjoni ta' bastimenti tista' wkoll tkun kull għaqda ta' persuni barranija jew enti ieħor li jkollu personalità ġuridika skond il-liġi li taħtu jkun ġie mwaqqaf jew kostitwit u li jkun stabbilixxa post ta' negozju ġewwa Malta. (Dawn l-organizzazzjonijiet qegħdin f'dan l-Att jissemmew "entijiet korporati barranin".)

(5) Meta organizzazzjoni ta' bastimenti tkun *shipping trust*, din għandha tkun regolata bl-Att dwar it-*Trusts*, jew tkun trust magħrufa skond l-Att li jirrikonoxxi *Trusts*, skond il-każ. Kap. 331. Kap. 374.

(6) (a) Bla ħsara għas-subparagrafu (b) ta' dan is-subartikolu, meta l-organizzazzjoni ta' bastimenti tkun kumpannija, din għandha tkun regolata b'mod esklużiv b'regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, irrispettivament mill-post fejn isir il-maniġġar u l-kontroll tal-kummerċ tal-kumpannija.

(b) Ma' l-ewwel reġistrazzjoni tal-kumpannija jew f'kull żmien li jiġi wara, id-diretturi tal-kumpannija għandhom jagħżlu jekk il-kumpannija għandhiex tkun regolata bir-regolamenti tal-kumpannija magħmulin taħt is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu jew bl-Att dwar il-Kumpanniji. Dik l-għażla għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni xierqa fil-memorandum ta' l-assoċjazzjoni u l-kumpannija tiġi regolata skond hekk jew mid-data tal-inkorporazzjoni jew mid-data tar-reġistrazzjoni ta' l-emenda relattiva mar-reġistratur tal-kumpanniji, skond il-każ. Bis-saħħa ta' dan qegħda tiġi vestita s-setgħa fid-diretturi u dawn għandhom, għal kull skop u raġuni, jitqiesu bħala li għandhom l-awtorità li jemendaw jew jibdlu l-klawżola relattiva tal-memorandum ta' l-assoċ jazzjoni fid-diskrezzjoni tagħhom mingħajr il-ħtieġa li jirreferu l-każ lil-laqgħa ġenerali tal-kumpannija. Għażla li ssir skond dan il-provvediment tkun torbot lill-kumpannija għal mill-inqas sena waħda kalendarja.

(ċ) L-għazla magħmula minn kumpannija li tiġi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji, tkun biss

effettiva malli dik il-kumpannija tikkonforma ruħha għalkollox mal-ħtiġiet kollha ta' l- imsemmi Att.

(7) Il-kumpanniji u s-soċjetajiet kummerċjali kollha li l-għanijiet tagħhom jinkwadraw f'xi wieħed minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u li jkunu jeżistu fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, inklużi dawk il-kumpanniji li jkunu fi stat ta' likwidazzjoni u sadanittant ma jkunux ġew imħassra mir-reġistru, għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (8) hawn aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu b'effett mill-bidu fis-seħħ ta' dawk ir-regolamenti; u għandhom iktar minn hekk jitqiesu li jikkwalifikaw bħala organizzazzjonijiet ta' bastimenti skond dan l-artikolu kemm-il darba u sakemm il-memorandum ta' l-assoċjazzjoni ta' dawk il-kumpanniji ma jiġix emendat sabiex jipprovdi xort'oħra. B'effett mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawk ir-regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal dawk il-kumpanniji u l-artikolu 431 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, għandu jiftiehem skond hekk.

Kap. 168.

(8) Il-Ministru, li jaġixxi f'konsultazzjoni ma' l-Awtorità, jista' jagħmel regolamenti:

(a) li jirregolaw it-twaqqif, it-tħaddim, l-amministrazzjoni, u l-istralċ u tħassir mir-reġistru ta' organizzazzjonijiet ta' bastimenti li jkunu kumpanniji, jew soċjetajiet kummerċjali oħra, inklużi d-drittijiet, penali u formuli relattivi;

(b) li jirregolaw it-twaqqif ta' postijiet tan-negozju f'Malta minn entijiet korporati barranin inkluża l-impożizzjoni ta' drittijiet, penali u formuli relattivi;

(ċ) li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtorità tista' toħroġ jew tirrevoka liċenzi lil organizzazzjonijiet ta' bastimenti,

u regolamenti magħmulin taħt dan is-subartikolu jistgħu b'mod partikolari ikunu jipprovdu għal, jew jippermettu l-applikazzjoni għal organizzazzjonijiet ta' bastimenti li jkunu kumpanniji xi taqsima, kapitolu jew artikolu ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, bla ħsara għal dawk il-bidliet,

modifikazzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati f'dawk ir-regolamenti.

(9) Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jagħmel regolamenti li jkunu jistabbilixxu l-mod kif xi liġi li tkun timponi xi taxxa, ħaraġ jew imposta, jew li tkun tirregola l-ġbir tagħhom, tkun se tapplika għal organizzazzjonijiet ta' bastimenti, jew għal xi kategorija tagħhom, u jista' permezz ta' dawk ir-regolamenti jemenda, jissostitwixxi jew iħassar d-dispożizzjonijiet kollha, jew x'uħud minnhom, ta' l-artikoli 85 sa 88A ta' dan l-Att u tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att.".

**49.** Fit-tifsira ta' "bastiment eżentat" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 85 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jew bastiment li jkun għal kollox proprjetà" għandhom jidħlu l-kliem "jew *chartered* minn,". Emenda ta' l-artikolu 85 ta' l-Att prinċipali.

**50.** L-artikolu 86 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 86 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-kliem "fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu" fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew f'xi liġi oħra li tissostitwixxi dak l-Att, ma titħallas ebda taxxa minn xi persuna taħt dak l-Att fuq imgħax jew dħul ieħor imħallas lilha minn xi kumpannija reġistrata skond it-Taqsima III ta' dan l-Att dwar xi dejn jew obbligazzjoni oħra kuntrattati jew magħmulin minn dik il-kumpannija għar-rigward ta' xi bastiment: Kap. 123.

Iżda l-applikazzjoni ta' dik l-eżenzjoni lil persuni residenti f'Malta għandha tkun ristretta għal dawk il-persuni li jkunu banek, jew istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji liċenzjati taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi li tkun tapplika.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar;

(d) is-subartikoli (4) u (5) li hemm fl-artikolu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) tiegħu; u

(e) il-kliem "fis-subartikoli (1) u (2)" fis-subartikolu (3) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (1)".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 103 ta' l-Att prinċipali.

**51.** L-artikolu 103 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Lista tal-passiġġieri.

103. (1) Il-kaptan ta' kull bastiment Malti u l-kaptan ta' kull bastiment li jġorr passiġġieri f'xi vjaġġ lejn Malta minn post barra minn Malta, jew minn Malta lejn xi post barra minn Malta, għandu jagħti lil dik il-persuna, li l-Ministru jista' b'regolamenti jordna, prospett li jkun jagħti l-għadd totali ta' persuni abbord il-bastiment kif ukoll kull informazzjoni oħra li jkollha x'taqsam ma' dawk il-persuni hekk kif jista' jiġi preskritt, f'dik l-għamla u b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi preskritt.

(2) Il-Ministru jista' b'dawk ir-regolamenti jeżenta lil kull bastiment tal-passiġġieri jew lil kull bastiment tal-passiġġieri li jkun qed jagħmel dak il-vjaġġ jew vjaġġi hekk kif jistgħu jiġu preskritti fir-regolamenti ġeneralment jew għar-rigward ta' xi vjaġġi jew klassi ta' vjaġġijiet mill-provvedimenti ta' dawk ir-regolamenti.

(3) Kull passiġġier li r-regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkunu jirreferu għandu jagħti lill-kaptan dak it-tagħrif li l-kaptan ikun jeħtieġ sabiex ikun jista' jagħmel dak il-prospett.

(4) Jekk -

(a) il-kaptan ta' bastiment jonqos milli jagħmel prospett kif meħtieġ b'dan l-artikolu jew inkella jagħmel prospett qarrieqi,

(b) xi passiġġier jirrifjuta milli jagħti t-tagħrif minnu meħtieġ mill-kaptan tal-bastiment għall-iskop tal-prospett, jew għal dak l-iskop jagħti lill-kaptan tagħrif li jkun jaf li jkun qarrieqi jew bi traskuraġni jagħti tagħrif li jkun qarrieqi,

il-kaptan, jew skond il-każ, il-passiġġier, ikun ħati ta' reat kontra dan l-artikolu u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt *unit* fil-każ tal-kaptan, u ta' mhux iżjed minn mitt *unit* fil-każ ta' passiġġier.

(5) Il-Ministru jista' jestendi l-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti lill-kaptan, lin-nolleġġatur tal-*bareboat*, lill-*manager*, jew lil kull persuna oħra jew organizzazzjoni li setgħu ħadu fuqhom ir-responsabbiltà għat-tħaddim tal-bastiment tal-passiġġieri mingħand is-sid, l-obbligi li l-kaptan ikollu għar-rigward ta' dawk ir-regolamenti, u jista' iktar minn hekk jipprovdi li persuna jew organizzazzjoni li dawk l-obbligi setgħu ġew lilhom estiżi, għandhom jippreservaw u jżommu dawk ir-*records* għal dak il-perjodu u b'dak il-mod skond kif jista' jiġi preskritt u jipprovdu il-prospetti relattivi tagħhom sew perjodiċi sew xort'oħra skond kif jista' jiġi preskritt, u l-provvedimenti tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal dik il-persuna jew organizzazzjoni l-istess bħalma japplikaw għall-kaptan.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regolament magħmul taħtu ma għandux japplika għal bastimenti tal-gwerra jew bastimenti li jġorru truppi jew *pleasure yachts* sakemm dawk il-*pleasure yachts* ma jkollhom ekwipaġġ u ma jġorrux aktar minn tnax-il passiġġier għal skopijiet kummerċjali.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 106 sa 111 ta' l-Att prinċipali.

**52.** L-artikoli 106 sa 111, it-tnejn inklużi, ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"*Kundizzjonijiet għal dħul f'impieg*

Impieg ta' tfal u persuni taħt it-tmintax il-sena.

106. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra jew tar- regolamenti, regoli u ordnijiet kollha magħmulin jew meqjusin bħala magħmulin taħt dawk id-dispożizzjonijiet, ebda persuna taħt l-età ta' sittax il-sena ma għandha tiġi impjegata fuq bastiment Malti.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti -

(a) li jkunu jippreskrivu ċ-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet li fihom, u l-kondizzjonijiet li taħtom, persuni taħt l-età ta' sittax il-sena iżda li jkunu kisbu dik l-età li tista' tiġi preskritta fir-regolamenti, jkunu jistgħu jiġu impjegati fuq bastiment Malti;

(b) li jkunu jippreskrivu ċ-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet li fihom persuni 'il fuq mill-età ta' sittax-il sena iżda taħt l-età ta' tmintax-il sena jew taħt dik l-età

li tkun inqas minn tmintax il sena u li tista' tiġi speċifikata fir-regolamenti, ma jistgħux jiġu impjegati fuq bastiment Malti jew inkella jistgħu jiġu hekk impjegati biss kif ikunu suġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti.

(3) Regolamenti magħmulin għall-għanijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jagħmlu provvedimenti differenti għal tipi ta' impieg differenti u għal deskrizzjonijiet differenti ta' bastimenti u għal kull ċirkostanza differenti oħra.

Reġistrazzjoni ta' persuni taħt it-tmintax il-sena li huma membri ta' l-ekwipaġġ.

107. (1) Għandha tidħol f'kull kuntratt ma' l-ekwipaġġ lista tal-persuni kollha taħt it-tmintax il-sena li jkunu membri ta' l-ekwipaġġ, flimkien mal-partikolaritajiet tad-dati tat-twelid tagħhom, u, fil-każ ta' bastiment fejn ma jsir ebda kuntratt bħal dak, il-kaptan tal-bastiment għandu, jekk ikun hemm impjegati persuni taħt it-tmintax il-sena, iżomm reġistru ta' dawk il-persuni bil-partikolaritajiet tad-dati tat-twelid tagħhom u tad-dati meta jsiru jew meta ma jibqgħux membri ta' l-ekwipaġġ, u r-reġistru hekk miżmum għandu f'kull żmien ikun miżmum għal spezzjon mill-Ministru jew minn uffiċjal awtorizzat mill-Ministru għal dak l-għan jew minn spettur xieraq, jew minn kull persuna li jkollha s-setgħa li tinforza t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Għandu jkun hemm inkluż f'kull kuntratt ma' l-ekwipaġġ deskrizzjoni fil-qosor tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att.

Eżami mediku.

108. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ebda persuna ma għandha tiġi impjegata f'xi kapaċità fuq xi bastiment Malti kemm-il darba ma jingħatax lill-kaptan tal-bastiment ċertifikat mogħti minn tabib kwalifikat kif imiss li l-persuna tkun tajba biex tiġi impjegata f'dik il-kapaċità.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għall-impieg ta' persuna awtorizzata li tkun impjegata minħabba urġenza mix-*shipping master*, jew minn uffiċjal konsulari ta' Malta, iżda persuna li dwarha tkun ingħatat xi awtorizzazzjoni bħal dik ma għandhiex tkompli tiġi impjegata wara iktar minn vjaġġ wieħed, ħlief skond u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti skond ma jidhrulu li jkunu meħtieġa dwar l-eżami mediku ta' kull min ikun qiegħed ifittex li jiġi impjegat f'kull kapaċità li tkun fuq xi bastiment u l-ħruġ ta' ċertifikati mediċi għar-rigward ta' dawk il-persuni.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu ta' qabel dan, regolamenti magħmulin taħtu jistgħu, b'mod partikolari -

(a) jippreskrivu x-xorta ta' l-eżami mediku jew eżamijiet mediċi li għandhom isiru u l-partikolaritajiet li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikati mediċi;

(b) jippreskrivu l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati mediċi;

(ċ) jipprovdu dwar li tiġi aċċettata prova permezz ta' formola preskritta, minflok ċertifikat mediku, li ċ-ċertifikat meħtieġ ikun ġie maħruġ; u

(d) jipprovdu għal kull ħaġ'oħra li tkun tolqot l-eżami mediku jew eżamijiet mediċi li għandhom isiru u ċ-ċertifikati mediċi li għandhom jinħarġu jew jingħataw għarfien.

(5) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, "tabib kwalifikat kif imiss" tfisser tabib awtorizzat bil-liġi li jipprattika ta' tabib kwalifikat skond il-liġi f'Malta, jew kemm-il darba ma jiġix xort'oħra preskritt, fil-pajjiż fejn jinħareġ dak iċ-ċertifikat.

Pieni.

109. (1) Jekk xi persuna tiġi impjegata fuq bastiment bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 106 u 108 ta' dan l-Att jew bi ksur ta' xi regolamenti magħmulin taħt dawn l-artikoli, il-kaptan jew is-sid tal-bastiment jeħel multa ta'mhux iżjed minn ħames mitt *unit*, jew, fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, ta' mhux iżjed minn elf *unit*; u meta persuna taħt l-età ta' sittax il-sena jew persuna taħt l-età ta' tmintax il-sena jiġi impjegat fuq bastiment bi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn aktar qabel f'dan l-Att għaliex ikun ġie prodott minn, jew bil-kunsens ta', xi wieħed mill-ġenituri ċertifikat falz jew falsifikat, jew għaliex ikun ġie muri falsament minn xi wieħed mill-ġenituri li dik il-persuna kienet ta' età li dak l-impieg ma jkunx bi ksur ta' l-

imsemmija dispożizzjonijiet, dak il-genitur jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt *unit*.

(2) Jekk il-kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 107 ta' dan l-Att, jew jekk ikun meħtieġ mill-Ministru jew minn uffiċjal awtorizzat mill-Ministru għal hekk jew minn spettur xieraq, jew minn xi persuna oħra li jkollha s-setgħa li timponi t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jonqos jew jittraskura milli jipproduċi biex jiġi eżaminat minn dak l-uffiċjal xi reġistru kif ikun meħtieġ li hu għandu jżomm skond l-imsemmi artikolu jew xi ċertifikat mogħti lilu skond l-artikoli 106 jew 108 ta' dan l-Att jew skond kull regolamenti magħmulin taħt dawn l-artikoli, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt *unit*.".

Tħassir ta' l-artikolu 112 ta' l-Att prinċipali.

**53.** Lartikolu 112 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 114 ta' l-Att prinċipali.

**54.** L-artikolu 114 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-kuntratt ma' l-ekwipaġġ għandu jkun juri l-post fejn dan isir, il-kunjom u l-ismijiet oħra tal-baħri, fejn twieled, u l-eta` tiegħu jew id-data tat-twelid tiegħu, u għandu jkun fih bħala l-kondizzjonijiet tiegħu l-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) isem il-bastiment li fuqu l-baħri jintrabat li jaħdem;

(b) jew ix-xorta u, safejn prattikabbli, kemm ikun hemm ħsieb li jdum il-vjaġġ jew l-ingaġġ, jew l-aktar żmien li l-vjaġġ jew l-ingaġġ jista' jdum, li ma jkunx ta' aktar minn tnax il-xahar, u l-postijiet jew il-partijiet tad-dinja, jekk ikun il-każ, li għalihom il-vjaġġ jew l-ingaġġ ma għandux jestendi;

(ċ) l-għadd u d-deskrizzjoni ta' l-ekwipaġġ;

(d) jekk ikun possibbli, il-post fejn u d-data meta kull baħri għandu jkun abbord jew jibda x-xogħol;

(e) ix-xogħol li kull baħri jkun se jagħmel;

(f) kemm tkun il-paga ta' kull wieħed mill-baħrin;

(ġ) il-vaganzi miftehma, li jkunu vaganzi miftehma mhux anqas favorevoli għall-ekwipaġġ minn dawk, jekk ikun hemm, preskritti taħt dan l-Att;

(ħ) kull regolament dwar l-imġieba abbord u dwar multi u kull kastig leġittimu ieħor għal imġieba ħażina li jkunu ġew approvati mill-Ministru bħala regolamenti li għandhom jiġu applikati u li l-partijiet jaqblu li japplikaw;

(i) kull regolament dwar il-proviżjon li għandu jingħata lill-baħrin impjegati fuq bastimenti Maltin;

(j) lista ta' persuni taħt l-età ta' tmintax il-sena u d-dati tat-twelid tagħhom."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, kuntratt ma' l-ekwipaġġ taħt dan l-artikolu għandu jiġi terminat -

(a) bil-kunsens reċiproku tal-partijiet fih; jew

(b) bil-mewt tal-baħri; jew

(ċ) it-telfien ta' bastiment jew jekk bastiment jispiċċa ma jkun tajjeb xejn għall-baħar; jew

(d) il-bejgħ tal-bastiment; jew

(e) id-dekadenza taż-żmien.".

**55.** L-artikolu 115 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 115 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-kliem "magħmula f'Malta" għandhom jitħassru;

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "quddiem ix-*shipping master*" għandu jitħassar;

(ċ) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "ix-*shipping master*" għandhom jidħlu l-kliem "il-kaptan";

(d) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "mix-*shipping master*" għandhom jidħlu l-kliem "mill-kaptan"; u

(ii) minflok il-kliem "tingħata lill-kaptan," għandhom jidħlu l-kliem "tingħata lix-*shipping master*,";

(e) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "l-ingaġġ għandu meta jkun prattikabbli, isir quddiem ix-*shipping master* u, meta ma jkunx prattikabbli," għandhom jitħassru;

(f) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) kuntratt għal aktar minn vjaġġ ma jkomplix japplika wara l-perjodu ta' żmien ta' tnax il-xahar li jiġi minnufih wara d-data ta' l-għemil tal-kuntratt jew mill-wasla tal-bastiment għall-ewwel darba fil-port tad-destinazzjoni tiegħu wara li jgħaddi dak iż-żmien;";

(ġ) il-paragrafi (ġ) u (ħ) tiegħu għandhom jitħassru;

(ħ) il-paragrafu (i) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ġ) tiegħu;

(i) fil-paragrafu (ġ) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "ma' kull wasla lura f'port f'Malta qabel ma jispiċċa il-kuntratt," għandhom jidħlu l-kliem "ma' kull wasla lura fil-port fejn ikun ġie ingaġġat l-ekwipaġġ qabel it-terminazzjoni finali ta' kuntratt għal aktar minn vjaġġ,";

(j) minflok il-paragrafi (j) u (k) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ħ) id-duplikat tal-kuntratt miżmum mill-kaptan ma' l-ewwel ingaġġ ta' l-ekwipaġġ kif ukoll kull notament kontrosenjat fuq il-kuntratt għandhom, meta jiddekadi l-kuntratt, jiġu kunsinnati lix-*shipping master* li mbagħad jibqa' jżommhom għal perjodu ta' ħames snin wara d-dekadenza tal-kuntratt;

(i) id-duplikat tal-kuntratt kunsinnat lix-*shipping master* ma' l-ewwel ingaġġ ta' l-ekwipaġġ għandu jinżamm mix-*shipping master* sakemm jirċievi d-duplikat l-ieħor tal-kuntratt miżmum mill-kaptan meta dan l-istess kuntratt jiddekadi.".

**56.** L-artikolu 116 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 116 ta' l-Att prinċipali.

"Il-pattijiet ma għandhomx imorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

116. Fil-limitu li xi pattijiet jew kundizzjonijiet adottati mill-partijiet f'kuntratt ma' l-ekwipaġġ ikunu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att f'dak li għandu x'jaqsam ma' pagi u kundizzjonijiet ta' impieg ta' baħrin u ta' kaptani abbord bastimenti, dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet ma jkollhom ebda effett u għandhom jitqiesu li jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

**57.** Il-kliem "jekk f'Malta, mix-*shipping master*, u jekk band'oħra, minn reġistratur jew uffiċjal konsulari ta' Malta jew, meta ma jkunx hemm uffiċjal bħal dak," fl-artikolu 119 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 119 ta' l-Att prinċipali.

**58.** L-artikolu 121 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 121 ta' l-Att prinċipali.

**59.** L-artikolu 122 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 122 ta' l-Att prinċipali.

"Depożitu tal-lista ta' l-ekwipaġġ.

122. Il-kaptan għandu, kull darba li jkun hemm tibdiliet fl-ekwipaġġ ta' bastiment Malti, jikkunsinna lir-Reġistratur Ġenerali lista ta' l-ekwipaġġ jew kopja tagħha:

Iżda r-Reġistratur Ġenerali jista' jeżenta lil kull bastiment jew klassi ta' bastimenti mill-ħtieġa ta' dan l-artikolu, sew għalkollox sew kif suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqis xierqa.

Użu ta' l-ilsien Ingliż.

122A. (1) Hlief fejn xort'oħra provdut f'dan l-Att, kull korrispondenza, dokument, formola jew kitba oħra għandhom ikunu fl-ilsien Ingliż:

Iżda tista' tintehmeż verżjoni bi lsien ieħor ta' xi dokument mal-verżjoni tiegħu bl-ilsien Ingliż.

(2) Kull avviż bil-miktub li jintwera abbord bastiment Malti għandu jkun bl-ilsien Ingliż u, jekk il-kaptan iqis li dan ikun meħtieġ, tista' tintwera flimkien miegħu verżjoni bi lsien ieħor.

L-ekwipaġġ ikun jaf bl-Ingliż.

122B. (1) Meta fil-fehma ta' spettur xieraq l-ekwipaġġ ta' bastiment Malti jkun magħmul minn, jew jinkludi fih, persuni li ma jkunux jifhmu l-ordnijiet li jingħatawlhom matul it-twettiq tal-ħidma tagħhom minħabba fin-nuqqas ta' għarfien tagħhom ta' l-ilsien Ingliż u n-nuqqas ta' arranġamenti xierqa għall-għoti ta' ordnijiet f'ilsien li jkunu

jafuh biżżejjed, l-ispettur xieraq għandu jgħarraf fehmtu lill-kaptan u l-bastiment ma għandux isalpa u jista' jiġi miżmum.

(2) Jekk bastiment isalpa jew jittanta jsalpa bi ksur ta' dan l-artikolu, il-kaptan jew is-sid tal-bastiment jista' jeħel multa ta' ħames mitt *unit*.

Regolamenti dwar il-kondizzjonijiet tas-servizz.

122Ċ. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra jew ta' kull regolamenti, regoli u ordnijiet magħmulin jew meqjusa bħala magħmulin taħthom, il-kondizzjonijiet ta' servizz ta' persuni impjegati fuq bastimenti Maltin u ta' ċittadini Maltin li jkunu qegħdin jaħdmu fuq bastimenti barranin għandhom ikunu regolati permezz ta' regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt dan l-artikolu.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu minnufih qabel dan, regolamenti magħmulin taħtu jistgħu, b'mod partikolari, jipprovdu rigward:-

(a) l-apprendistat f'xi sengħa abbord bastiment;

(b) l-ingaġġ ta' persuni fuq bastimenti Maltin u l-ingaġġ minn bastimenti barranin ta' ċittadini Maltin;

(ċ) l-implementazzjoni ta' xi konvenzjoni internazzjonali li tirrigwarda l-impieg, *welfare*, sigurtà, ċertifikazzjoni jew status tal-baħħara;

(d) l-evitar ta' kuntratti li jsiru kontra dawk ir-regolamenti;

(e) il-paġi b'mod ġenerali, u l-jeddijiet marbutin magħhom, ta' persuni impjegati fuq bastimenti Maltin, b'mod li jiżguraw kondizzjonijiet ta' xogħol mingħajr periklu, saħħa u *welfare* għal baħħara u apprendisti impjegati fuq bastimenti;

(f) l-inqas paga li titħallas lil persuni impjegati fuq bastimenti Maltin;

(ġ) l-għadd ta' ġranet ta' leave u ta' vaganzi ta' kull sena li persuni impjegati abbord bastimenti Maltin ikollhom jedd għalihom;

(ħ) l-ikbar għadd ta' sigħat ta' xogħol jew l-inqas għadd ta' sigħat ta' mistrieħ għal persuni impjegati abbord bastimenti Maltin;

(i) iż-żamma ta' dokumentazzjoni tas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum jew tas-sigħat ta' mistrieħ ta' kuljum ta' persuni impjegati abbord bastimenti Maltin;

(j) l-itwal żmien ta' perjodi ta' servizz abbord bastimenti Maltin li warajhom baħħar ikollu jedd għar-rimpatriju;

(k) it-twaħħil ta' tabella abbord il-bastimenti Maltin li tkun turi l-arranġamenti tax-xogħol fuq il-gverta tal-bastiment;

(l) l-impieg ta' persuni taħt l-età ta' tmintax il-sena:

Iżda kemm-il darba ma jiġix speċifikat f'regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu, l-inqas paga għandha tkun dik preskritta fir-Rakkomandazzjoni ta' l-1996 dwar il-Pagi, s-Sigħat ta' Xogħol tal-Baħħara u t-Tagħmir ta' Bastimenti (Nru. 187) ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), inkluża kull reviżjoni tagħha.

(3) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li persuna li tikser xi dispożizzjoni tagħhom tkun suġġetta għal dik il-penali li tista' tkun provduta fir-regolamenti, li tkun penali li ma tkunx aktar minn elf *unit*.".

**60.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 125 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 125 ta' l-Att prinċipali.

"(1) Meta baħri li jkun qed iservi fuq bastiment Malti taħt kuntratt ma' l-ekwipaġġ jtemm l-ingaġġ meta jispiċċa s-servizz tiegħu, dak l-ingaġġ tiegħu għandu jintemm kif provdut b'dan l-Att:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax meta l-baħri jkun ser joħroġ bil-*leave* temporanju waqt li jibqa' fis-servizz ta' sid il-bastiment.".

**61.** L-artikolu 127 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Tħassir ta' l-artikolu 127 ta' l-Att prinċipali.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 129 ta' l-Att prinċipali.

**62.** L-artikolu 129 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Temm ta' impieg ta' baħrin meta jinbidel is-sid.

129. (1) Meta bastiment Malti jiġi trasferit jew jitneħħa, kull baħri jew apprendist li jkun jappartjeni għal dak il-bastiment għandu jtemm l-impieg tiegħu kemm-il darba ma jagħtix il-kunsens tiegħu bil-miktub li jispiċċa l-vjaġġ tal-bastiment jekk dan jitkompla.

(2) Meta baħri jew apprendist itemm l-impieg taħt dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar iċ-ċertifikat ta' temm ta' impieg u r-ritorn tal-baħri f'port ta' ritorn xieraq għandhom japplikaw bħallikieku s-servizz tiegħu kien intemm xort'oħra milli bil-kunsens tiegħu li jiġi mitmum matul iż-żmien li jkun għadu jseħħ il-ftehim.".

Żieda ta' l-artikolu 129A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**63.** Minnufih wara l-artikolu 129 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Is-sid responsabbli għar-ritorn ta' baħri li jitħalla l-art f'port li ma jkunx dak ta' l-ingaġġ.

129A. (1) Hlief kif hawn iżjed 'il quddiem ipprovdut, kull kuntratt ma' l-ekwipaġġ għandu jitqies li jkun jipprovdi li l-baħri jew l-apprendist, jekk il-kuntratt jintemm f'port li ma jkunx il-port ta' l-ingaġġ (sew bid-dekadenza taż-żmien, sew b'xi att magħmul mill-partijiet, sew bl-għarqa jew bejgħ tal-bastiment, sew minħabba l-inkapaċita` tal-baħħar jew apprendist li jkun fuq il-bastiment minħabba f'mard jew feriment jew kull kawża oħra li tkun) għandu jiġi ritornat f'port ta' ritorn xieraq b'nefqa tal-kaptan jew tas-sid tal-bastiment, u dak il-kaptan jew sid, sew bħala prinċipal sew bħala aġent, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti hekk kif jistgħu jkunu meħtieġa u jħallas kull nefqa li ssir għar-ritorn ta' dak il-baħri jew apprendist u dik ir-responsabbilta` għandha tkun tinkludi n-nefqa ta' kull manteniment u kura medika li tkun meħtieġa għal dak il-baħri jew apprendist sakemm huwa jasal f'port ta' ritorn xieraq, u dak il-baħri jew apprendist ma għandu jkun ta' ebda piż għall-Gvern ta' Malta.

(2) Baħri jew apprendist li jkun tħalla l-art jew intemmlu l-impieg minn fuq il-bastiment tiegħu minħabba fid-diżerzjoni tiegħu, fil-priġunerija tiegħu, jew l-inkapaċità tiegħu li jkun fuq il-bastiment minħabba f'mard jew dgħufija ta' saħħa li tkun ġiet xjentement mistura fil-waqt ta' l-ingaġġ, ma jkollux jedd li jiġi ritornat b'nefqa tas-sid jew tal-kaptan taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu iżda dak il-kaptan jew sid, sew bħala prinċipal sew bħala aġent, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti kollha meħtieġa u jħallas kull nefqa li ssir għar-ritorn tal-baħri jew apprendist f'port ta' ritorn xieraq

bħallikieku hekk kellu dritt, u dak il-kaptan jew sid jista' jiġbor in-nefqa tiegħu minn kull paga li tkun għadha dovuta lill-baħri jew apprendist meta huwa jkun telaq minn fuq il-bastiment jew mir-rikavat mill-bejgħ ta' kull ħaġa personali tiegħu li huwa jħalli abbord jew inkella, jekk dan ma jkunx biżżejjed, bil-proċedura ordinarja li tagħti l-liġi, iżda f'ebda każ ma għandu dak il-baħri jew apprendist ikun ta' piż fuq il-Gvern.

(3) Reġistratur jew uffiċjal konsulari Malti jista' jitlob garanzija mingħand il-kaptan jew is-sid (kemm bħala prinċipal kemm bħala aġent) ta' bastiment li baħri jew apprendist jew ikun se jintemmlu l-impieg tiegħu minn fuqu jew ikun se jiġi mħolli l-art, għat-twettiq sew ta' kull obbligazzjoni imposta b'dan l-artikolu, u jekk din tiġi miċħuda milli tingħata, huwa jista' jżomm il-kunsens tiegħu għat-temm ta' impieg.

(4) Meta baħri jew apprendist isir eliġibbli li jirċievi, u attwalment jirċievi, għajnuna medika jew ħlasijiet perjodiċi b'nefqa tal-prinċipal tiegħu taħt il-provvedimenti ta' xi liġi li tkun tipprovdi għal kumpens lil ħaddiema li jġarrbu feriment jew li jkollhom xi marda, dak li jirċievi għandu jkun ħlas sħiħ jew f'parti minnu, skond il-każ, ta' dak li jkollu jedd għalih taħt dan l-artikolu, u mhux b'żieda miegħu.

(5) Dan l-artikolu għandu jkun japplika għar-rigward ta' bastiment barrani li jingaġġa baħri jew apprendist f' Malta; u "sid" f'każ bħal dak tinkludi lil kull persuna maħtura jew nominata mis-sid jew miċ-*charterer* jekk il-bastiment ikollu *demise charter*, biex taġixxi bħala l-agent tiegħu u li kienet qegħda hekk taġixxi filwaqt li l-baħri jew l-apprendist kien għadu ingaġġat.".

**64.** L-artikolu 130 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: **Emenda ta' l-artikolu 130 ta' l-Att prinċipali.**

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "f'port barra minn Malta" għandhom jitħassru; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

**65.** L-artikolu 132 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. **Tħassir ta'l-artikolu 132 ta' l-Att prinċipali.**

**66.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 133 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej: **Emenda ta' l-artikolu 133 ta' l-Att prinċipali.**

"(2) L-imsemmi kont għandu jingħata mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel ma l-ingaġġ tiegħu jintemm jew qabel ma jitħallas għalkollox.".

Emenda ta' l-artikolu 134 ta' l-Att prinċipali.

**67.** L-artikolu 134 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Meta l-ingaġġ ta' baħri jintemm, u l-ħlas tal-paga jkun sar, huwa għandu jiffirma kwittanza, f'forma approvata mill-Ministru, għad-drittijiet kollha dwar l-aħħar vjaġġ jew ingaġġ u l-kwittanza għandha tiġi ffirmata wkoll mill-kaptan jew mis-sid tal-bastiment.";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kelma "tinżamm" għandhom jidħlu l-kliem "tiġi kunsinnata lil u tinżamm";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar;

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) tiegħu; u

(e) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 137 ta' l-Att prinċipali.

**68.** L-artikolu 137 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem minn "għandha, jekk min ikun ħati ta' l-egħmil jispiċċa" sa "uffiċjal bħal dak fil-post tat-temm ta' ngaġġ," għandhom jitħassru;

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) tiegħu.

Żieda ta' l-artikolu 137A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**69.** Minnufih wara l-artikolu 137 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Rata ta' kambju.

137A. Meta baħri jkun qabel mal-kaptan ta' bastiment Malti għall-ħlas tal-paga tiegħu f'munita speċifika, kull ħlas tal-paga tiegħu jew b'akkont tagħha jekk dan isir f'xi munita oħra li ma tkunx dik speċifikata fil-kuntratt, għandu jsir, minkejja dak li jinsab fil-kuntratt, bir-rata ta' kambju għall-

munita speċifikata fil-kuntratt li tkun f'dak il-waqt tapplika fil-post fejn isir il-ħlas.".

70. L-artikolu 148 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 148 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Mingħajr pregudizzju għall-ġeneralita` tas-subartikolu minnufih qabel dan, regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jistgħu b'mod partikolari -

(a) jippreskrivu l-anqas spazju għal kull persuna li għandu jiġi provdut bħala akkommodazzjoni għall-irqad għall-baħrin u l-apprendisti u l-akbar għadd ta' persuni li jistgħu jużaw parti speċifika ta' dik l-akkommodazzjoni għall-irqad;

(b) jippreskrivu t-tagħmir li għandu jiġi provdut għall-akkommodazzjoni għall-irqad, kmamar tal-mess, akkommodazzjoni sanitarja u kċejjen fuq bastiment;

(ċ) jirregolaw kull spazju fuq il-bastiment li fih tkun tista' tiġi allokata l-akkommodazzjoni ta' l-ekwipaġġ jew parti minnha, u kull *standard* li għandu jiġi osservat fil-kostruzzjoni, tagħmir u immobbiljar ta' xi akkommodazzjoni bħal dik;

(d) jipprovdu għall-protezzjoni ta' l-ekwipaġġ kontra kull feriment, kondensazzjoni, sħana, kesħa u ħoss fuq bastiment;

(e) jippreskrivu l-faċilitajiet ta' l-ilma, tisħin, tidwil, ventilazzjoni u saħħa li għandhom jiġu provduti fuq bastiment;

(f) jeħtieġu li jingħataw lil *surveyor* ta' bastimenti pjanti u tagħrif dettaljat ta' kull xogħlijiet li jkunu ser isiru għall-fini tal-provvista jew tibdil ta' kull akkommodazzjoni bħal dik, u jawtorizzaw lis-*surveyor* li jispezzjona dawk ix-xogħlijiet;

(ġ) jipprovdu għall-manutenzjoni u tiswija ta' kull akkommodazzjoni bħal dik u jipprojbixxu jew jillimitaw l-użu ta' kull akkommodazzjoni bħal dik għal finijiet oħra barra minn dawk li għalihom tkun maħsuba; u

(ħ) jipprovdu għall-ispezzjon, teqjis u mmarkar ta' l-akkommodazzjoni ta' l-ekwipaġġ fuq bastiment u

ċ-ċertifikazzjoni tiegħu bil-għan li jiġi aċċertat it-tunnellaġġ.

(3) Regolamenti magħmula skond dan l-artikolu jistgħu –

(a) jagħmlu dispożizzjonijiet differenti dwar klassijiet differenti ta' bastimenti jew dwar bastimenti li kienu reġistrati f'Malta f'dati differenti jew li l-kostruzzjoni tagħhom inbdiet f'dati differenti u dwar akkommodazzjoni ta' l-ekwipaġġ provduta għal baħrin u apprendisti ta' kategoriji differenti;

(b) jeżentaw kull bastiment jew klassi ta' bastimenti mill-ħtiġijiet tar-regolamenti, jew għal kollox jew skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu xierqa;

(ċ) jeħtieġu lill-kaptan ta' bastiment jew lil kull uffiċjal minnu awtorizzat għal dak l-għan, li jagħmel dawk l-ispezzjonijiet li jistgħu jiġu hekk preskritti ta' l-akkommodazzjoni ta' l-ekwipaġġ.";

(b) minflok il-kelma "mitt" fis-subartikolu (4) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru permezz ta' riferenza sħiħa jew f'parti għall-ħtiġijiet tal-Konvenzjoni (Riveduta) ta' l-1949 dwar l-Ekwipaġġi (Nru. 92) u tal-Konvenzjoni (Provvedimenti Supplimentari) ta' l-1970 dwar l-Akkommodazzjoni ta' l-Ekwipaġġi (Nru. 133), it-tnejn ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), inkluża kull reviżjoni tagħhom.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 149 u 150 ta' l-Att prinċipali.

**71.** L-artikoli 149 u 150 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Provvisti u ilma.

149. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li bihom jeħtieġ li jingħataw provisti u ilma lil persuni impjegati fuq bastimenti Maltin jew kull klassi ta' bastimenti hekk kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti.

(2) Il-Ministru jista' jeżenta kull bastiment jew klassi ta' bastimenti minn xi ħtiġijiet ta' regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, sew għalkollox sew kif suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li huwa jista' jqis li jkunu xierqa.

(3) Meta d-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu ma jitħarsux fil-każ ta' xi bastiment, il-kaptan jew is-sid jistgħu jeħlu, b'żieda mal-ħlas ta' kumpens taħt l-artikolu 150A ta' dan l-Att, multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* kemm-il darba ma jġibx prova li dak in-nuqqas ta' tħaris ma kienx dovut minħabba fin-negliġenza jew in-nuqqas tiegħu.

(4) Meta persuna li jkollha s-setgħa taħt dan l-Att li tispezzjona l-provvisti u l-ilma li jkun se jingħata lill-persuni impjegati fuq bastiment Malti ma tkunx sodisfatta li dawn ikunu skond regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu, hija għandha tgħarraf lill-kaptan tal-bastiment bil-fehma tagħha, u ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-bastiment, sew provviżorju sew xort'oħra, jista' jiġi sospiż sakemm jiġu rimedjati d-difetti.

Ilment dwar il-provvisti jew l-ilma.

150. (1) Meta tlieta jew iktar mill-membri ta' l-ekwipaġġ ta' bastiment Malti jqisu li l-provvisti jew l-ilma mogħtija għall-użu ta' l-ekwipaġġ ikunu, f'xi żmien, ħżiena fil-kwalità jew defiċjenti fil-kwantità, huma jistgħu jilmentaw dwar dan ma' reġistratur jew ma' uffiċjal konsulari Malti jew ma' spettur xieraq, li mbagħad jista' jew jezamina dawk il-provvisti jew l-ilma li dwarhom ikun sar l-ilment, jew iġiegħel li dawn jiġu eżaminati.

(2) Meta l-persuna li tkun qed tagħmel l-eżami taħt dan l-artikolu jirriżultalha li l-provvisti jew l-ilma jkunu ħżiena fil-kwalità jew defiċjenti fil-kwantità, hija għandha tikkomunika dan il-fatt bil-miktub lill-kaptan tal-bastiment, u jekk il-kaptan ma jissostitwihomx bi provvisti tajbin jew b'ilma tajjeb għall-konsum uman fi żmien raġonevoli jew, mingħajr skuża raġonevoli, jippermetti li dawn jibqgħu jintużaw, huwa jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* kemm-il darba ma jġibx prova li n-nuqqas li jissostitwihom jew il-permess li dawn jibqgħu jintużaw ma kienux dovuti minħabba fin-negliġenza jew in-nuqqas tiegħu.

(3) Min jagħmel l-eżami għandu jniżżel bil-miktub dikjarazzjoni tar-riżultat ta' l-eżami fil-ġurnal uffiċjali ta' abbord u jibgħat rapport dwar dan lir-reġistratur, u dak ir-rapport għandu jkun ammissibbli bħala prova bil-mod provdut b'dan l-Att.

(4) Meta min jagħmel l-eżami jiċċertifika fid-dikjarazzjoni tiegħu li ma kien hemm ebda bażi raġonevoli għall-ilment, kull wieħed minn dawk li jagħmlu l-ilment jista'

jkun dovut jagħmel riżarċiment lis-sid mill-paga tiegħu li ma jkunx jeċċedi l-paga ta' ġimgħa.

Kumpens flok provvisti nieqsa jew ħżiena.

150A. (1) Jekk matul il-vjaġġ ta' bastiment Malti l-għoti ta' xi waħda mill-provvisti li jingħataw lil persuna jkun inqas minn dak preskritt jew xi waħda minn dawk il-provvisti tkun ta' kwalità ħażina, il-persuna għandha tirċievi b'kumpens għad-defiċjenza jew għall-kwalità ħażina, sakemm din tibqa' sseħħ, dawk l-ammonti ta' flus li jistgħu jiġu preskritti li jitħalsulha b'żieda mal-paga, u li jiġu riċevuti bħala hekk.

(2) Meta d-defiċjenza tkun ġrat għax ma jkunux jistgħu jinkisbu jew jiġu fornuti l-provvisti fil-kwantitajiet meħtieġa, u minflok ikunu ġew fornuti sostituti ekwivalenti adattati, dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu għall-għanijiet tas-subartikolu (1) u l-kumpens għandu jiġi hekk imnaqqas jew miċħud skond il-każ.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 152 ta' l-Att prinċipali.

**72.** L-artikolu 152 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Regolamenti dwar ħażniet mediċi.

152. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jipproteġi s-saħħa ta' persuni abbord bastimenti Maltin u li jkunu jeħtieġu li bastimenti Maltin ikollhom fuqhom dawk il-mediċini, ħażniet mediċi, tagħmir, faċilitajiet, strumenti u kotba li jkun fihom istruzzjonijiet u kunsilli, hekk kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti, u r-regolamenti jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet differenti għal deskrizzjonijiet differenti ta' bastimenti jew għal ċirkostanzi differenti.

(2) Is-sid u l-kaptan ta' kull bastiment Malti għandu jiżgura li l-bastiment ikollu mediċini, ħażniet mediċi, tagħmir, faċilitajiet, strumenti u kotba skond l-iskali stabbiliti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Meta spettur xieraq ikun tal-fehma li l-mediċini, ħażniet mediċi, tagħmir, faċilitajiet, strumenti u kotba fuq bastiment Malti jkunu defiċjenti fil-kwalità jew fil-kwantità jew ikunu tqegħdu f'reċipjenti mhux adattati, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-kaptan, lis-sid jew lill-aġent tal-bastiment, u ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-bastiment, sew proviżorju sew xort'oħra, jista' jiġi sospiż sakemm jiġi rimedjat id-difett:

Iżda jekk il-kaptan jew is-sid tal-bastiment jonqos milli jirrimedja n-nuqqas u jħares il-ħtiġijiet ta' dan l-artikolu, il-kaptan jew is-sid jista' jeħel multa li ma tkunx ta' iktar

minn ħames mitt *unit* kemm il-darba ma jġibx prova li dak in-nuqqas ta' tħaris ma kienx dovut għan-nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza jew xi nuqqas volontarju tiegħu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 153 ta' l-Att prinċipali.

**73.** Minflok l-artikolu 153 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Regolamenti dwar sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

153. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jiżgura, sakemm ikun prattikabbli, kondizzjonijiet tax-xogħol siguri u mezzi ta' aċċess siguri għal persuni impjegati fuq bastimenti Maltin.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) u ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament, regola jew ordni magħmulin taħtu, regolamenti li jsiru taħt dan l-artikolu jistgħu -

(a) ikunu jipprovdu dwar -

(i) il-fattizzi strutturali tal-bastiment,

(ii) kull makkinarju jew tagħmir li jintuża abbord,

(iii) miżuri speċjali ta' sigurezza fuq u taħt il-gverta,

(iv) kull tagħmir għat-tagħbija,

(v) trażżin u prevenzjoni ta' ħruq,

(vi) ankri, ktajjen u ħbula,

(vii) merkanzija u saborra perikoluża, u

(viii) tagħmir protettiv personali;

(b) ikunu jeħtieġu l-manutenzjoni, spezzjon u ttestjar ta' kull tagħmir u jimponu kondizzjonijiet dwar l-użu tiegħu;

(ċ) ikunu jeħtieġu, jipprojbixxu, jew jirregolaw l-użu ta' kull materjal jew proċess;

(d) ikunu jeħtieġu l-provvista u l-użu ta' xi lbies jew tagħmir protettiv;

(e) ikunu jillimitaw is-sigħat ta' impieg ta' Kaptani, baħrin u apprentisti f'xi operazzjoni speċifikata jew f'xi ċirkostanzi speċifikati;

(f) jagħmlu provvedimenti dwar it-twettiq minn persuni maħtura minn fost il-persuni impjegati fuq il-bastiment, ta' funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-arranġamenti li jsiru taħt regolamenti; u

(ġ) jagħmlu provvedimenti li jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet u dmirijiet rispettivi ta' l-Awtorità, tas-sidien, kaptani, baħrin, piloti u apprendisti fil-prevenzjoni ta' diżgrazzji fuq il-baħar.

(3) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li persuna li tikser xi dispożizzjoni tagħhom tkun suġġetta għal dik il-penali li tista' tkun provduta fir-regolamenti, li tkun penali li ma tkunx aktar minn elf *unit*.".

Emenda ta' l-artikolu 154 ta' l-Att prinċipali.

**74.** L-artikolu 154 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Il-Ministru jista' jinkariga lil dawk il-persuni li jidhirlu xierqa (f'dan l-Att imsejħa "l-ispetturi xierqa") biex jiżguraw it-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar il-bastimenti, it-tħaddim tagħhom, l-ekwipaġġ, it-tagħmir, l-akkommodazzjoni, il-provvisti u l-ilma u l-kondizzjonijiet ta' abbord, u meta jagħmel dan huwa jista' partikolarment jinkariga spettur xieraq jew li jiżgura t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att b'mod ġenerali jew dak ta' xi dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet partikolari ta' dan l-Att.";

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jitolbu l-produzzjoni tal-kotba, ċertifikati (inklużi ċertifikati ta' kompetenza), karti jew dokumenti oħra li fil-fehma tagħhom ikunu importanti;";

(ċ) minflok il-kliem "għoxrin lira." fis-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "mitt *unit*."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(4) Il-Ministru jista' b'regolamenti taħt dan l-Att jipprovdi li l-ispetturi xierqa għandhom iġorru fuqhom dak id-dokument ta' l-identita` li jkun juri dawk id-dettalji u li jkun fih dak it-tagħrif hekk kif jista' jiġi preskritt.".

**75.** Fl-artikolu 164 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "sakemm jitilqu għal dak il-port" għandhom jidħlu l-kliem "u, fil-każ ta' mewt, għall-ispejjeż tad-difna". Emenda ta' l-artikolu 164 ta' l-Att prinċipali.

**76.** L-artikolu 167 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 167 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1) Baħri jew apprendist jista' jintbagħat f'port ta' ritorn xieraq b'kull rotta xierqa.

(2) Jista' jingħata ritorn lil baħri jew lil apprendist, jekk huwa jkun jiflaħ jaħdem, billi jiġi pprovdut b'impieg xieraq abbord bastiment, li jkun sejjer lejn port ta' ritorn xieraq, li jkollu nies nieqsa mill-ekwipaġġ tiegħu, jew, jekk dan ma jkunx prattikabbli, billi jingħata passaġġ fuq xi bastiment jew inġenji ta' l-ajru, jew jingħata l-flus għall-passaġġ tiegħu, u għal kull parti mir-rotta li tkun fuq l-art, billi jitħallsu l-ispejjeż tal-vjaġġ tiegħu u tal-manteniment tiegħu matul il-vjaġġ, jew billi jingħata l-mezzi biex iħallas dawk l-ispejjeż.";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) tiegħu;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta baħri jew apprendist jiġi rimpatrijat bħala membru ta' ekwipaġġ, huwa jkollu jedd għal rimunerazzjoni xierqa għal kull xogħol li jagħmel waqt il-vjaġġ."; u

(d) is-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kelma "Malti" għandha titħassar; u

(ii) minflok il-kliem "għal port ta' ritorn xieraq." għandhom jidħlu l-kliem "għal port ta' ritorn xieraq jew għal port fil-qrib ta' port bħal dak; iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha teħles lis-sid mill-obbligazzjoni u n-nefqa li jreġġa' lura lill-baħri jew lill-apprendist lejn il-port ta' ritorn xieraq tiegħu.".

Żieda ta' l-artikolu 168A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**77.** Minnufih wara l-artikolu 168 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Provdiment ta' polza ta' l-assigurazzjoni. Kap. 318.

168A. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew ta' kull liġi li tidħol minflok dak l-Att, ma għandhomx japplikaw għar-rigward ta' baħrin barranin impjegati fuq bastimenti Maltin.

(2) Is-sid għandu jkollu polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa minn dak l-assiguratur jew klassi ta' assiguraturi approvata mir-Reġistratur-Ġenerali għar-rigward ta' kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment tiegħu biex tkopri:

(a) responsabbiltà għall-ħlas ta' spejjeż ta' sptar, mediċini, manteniment, funeral u kull nefqa oħra li ssir għar-rigward ta' xi feriment, marda jew mewt ta' membru ta' l-ekwipaġġ;

(b) responsabbiltà għar-rimpatriju u għall-kumpens ta' membru ta' l-ekwipaġġ għat-telfien ta' l-impieg tiegħu kaġunat minħabba fit-telfa totali, attwali jew meqjusa, jew f'disgrazzja maġġuri li tirrendi l-bastiment mhux tajjeb għall-baħar u twassal għal-liċenzjament ta' l-ekwipaġġ;

(ċ) responsabbiltà għall-ħlas ta' kumpens jew danni skond il-Liġi u l-konswetudni ta' Malta għar-rigward tal-feriment, jew il-mard jew il-mewt ta' xi membru ta' l-ekwipaġġ;

(d) responsabbiltà għal kull paga li jkollha titħallas lil xi membru ta' l-ekwipaġġ ferut jew marid, jew jekk imut lill-eredi tiegħu;

(e) responsabbiltà għar-rigward ta' telf jew danni fil-ħwejjeġ personali ta' membru ta' l-ekwipaġġ.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti kif jidhirlu meħtieġa li jkunu jirregolaw il-kopertura ta' polza ta' l-assigurazzjoni bħal ma hi meħtieġa skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u l-kumpens li għandu jitħallas fil-każ ta' kull feriment jew mewt imġarrba minn membri ta' l-ekwipaġġ.

(4) Fil-każ ta' membru ta' l-ekwipaġġ li jkun Malti, ma għandhom jintilfu ebda benefiċċji taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew kull liġi li tidħol minflok dak l-Att, minħabba f'li jkun ingħata xi kumpens bħal dak imsemmi taħt is-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu lill-membru ta' l-ekwipaġġ jew lill-eredi tiegħu.

(5) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu li persuna li tikser xi dispożizzjoni tagħhom tkun suġġetta għal dik il-penali li tista' tkun provduta fir-regolamenti, li tkun penali li ma tkunx aktar minn elf *unit*.".

**78.** Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 195 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 195 ta' l-Att prinċipali.

"Iżda l-Ministru jista', b'regolamenti jemenda, iżid ma', jibdel, jirrevoka jew jissostitwixxi r-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.".

**79.** L-artikolu 205 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 205 ta' l-Att prinċipali.

"Applikazzjoni f'parti għal *pleasure yachts*.

205. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 113 sa 120 (it-tnejn inklużi), ta' l-artikoli 121 sa 122Ċ (it-tnejn inklużi), ta' l-artikoli 125, 133, 137 u 148, u ta' l-artikoli 190 sa 194 (it-tnejn inklużi) ta' dan l-Att, u daqskemm jista' jiġi preskritt, kull provvediment ieħor ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, hekk kif il-Ministru jista' jippreskrivi b'regolamenti, ma għandhomx japplikaw għal *pleasure yachts*.".

**80.** L-artikolu 206 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 206 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(b) is-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4), (5) u (6) tiegħu;

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (i) tiegħu, minnufih wara l-kliem "dwar dgħajjes tas-sajd;" għandha tidħol il-kelma "u";

(ii) is-subparagrafu (ii) tiegħu għandu jitħassar; u

(iii) is-subparagrafu (iii) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (ii) tiegħu; u

(d) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi mħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"(b) fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 115 għall-imsemmija dgħajjes tas-sajd, ftehim ta' dgħajsa tas-sajd jista' jsir mis-sid minflok mill-kaptan u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-għemil tal-ftehim għandhom jiftiehmu skond hekk.".

Żieda ta' l-artikolu 206A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**81.** Minnufih qabel l-artikolu 207 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien mill-Periklu.

206A. (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien mill-Periklu għandha, kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'regoli magħmulin taħt l-artikoli 207 sa 212 (it-tnejn inklużi) ta' dan l-Att, ikunu japplikaw għall-bastimenti Maltin kollha u għall-bastimenti l-oħra kollha filwaqt li dawn ikunu fl-ibħra territorjali ta' Malta bħallikieku l-ħtiġiet tagħha kienu imposti fuq dawk il-bastimenti b'regoli magħmulin taħt dawk l-artikoli.

(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-frażi "Konvenzjoni dwar il-Ħarsien mill-Periklu" għandu jkollha l-istess tifsira bħalma hu lilha mogħti fl-artikolu 213 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 207 ta' l-Att prinċipali.

**82.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 207 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "f'port f'Malta." fil-paragrafu (b) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "fl-ibħra territorjali ta' Malta;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) dawk il-bastimenti l-oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi.".

**83.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 208 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 208 ta' l-Att prinċipali.

"(b) kull bastiment ieħor fil-waqt li jkunu fl-ibħra territorjali ta' Malta.".

**84.** L-artikolu 209 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 209 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dan l-artikolu japplika għal:

(a) bastimenti Maltin;

(b) il-bastimenti l-oħra kollha fil-waqt li jkunu fl-ibħra territorjali ta' Malta."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikolu (4) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu.

**85.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 210 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 210 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Dan l-artikolu japplika għal:

(a) bastimenti Maltin;

(b) il-bastimenti l-oħra kollha fil-waqt li jkunu fl-ibħra territorjali ta' Malta.".

**86.** L-artikolu 213 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 213 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-dispożizzjoni li hemm għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Kull riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għal xi konvenzjoni jew protokoll internazzjonali għandha tinkludi riferenza għal kull emenda għall-konvenzjoni jew għall-protokoll li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika, aderixxa għaliha jew aċċetta.".

Żieda ta' l-artikolu 221A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**87.** Minnufih wara l-artikolu 221 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċertifikat ta' ebda periklu għal bastiment tal-merkanzija.

221A. Meta l-Ministru jkun sodisfatt li bastiment tal-għal merkanzija jkun jissodisfa l-ħtiġiet tal-provvedimenti ta' hawn aktar qabel f'din is-sezzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' kostruzzjoni bla periklu ta' bastiment tal-merkanzija, ta' ċertifikat ta' tagħmir għall-ħarsien mill-periklu, u ta' ċertifikat tar-radju, huwa jista' joħroġ dwar dak il-bastiment minflok dawk iċ-ċertifikati, ċertifikat ta' ebda periklu għal bastiment tal-merkanzija, u dak iċ-ċertifikat għandu għall-għanijiet ta' dan l-Att jitqies li jkun ċertifikat ta' kostruzzjoni bla periklu ta' bastiment tal-merkanzija, ċertifikat ta' tagħmir għall-ħarsien mill-periklu, u ċertifikat tar-radju għar-rigward ta' dak il-bastiment tal-merkanzija, u kull riferenza f'dan l-Att għal dawk iċ-ċertifikati għandha titqies li tinkludi riferenza għal ċertifikat ta' ebda periklu għal bastiment tal-merkanzija.".

Emenda ta' l-artikolu 226 ta' l-Att prinċipali.

**88.** L-artikolu 226 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Ċertifikat ta' bastiment tal-passiġġieri jibqa' jseħħ għal żmien mhux iktar minn sena mid-data tal-ħruġ tiegħu, u kull ċertifikat ieħor imsemmi fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jibqa' jseħħ għal żmien mhux iktar minn ħames snin.";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru;

(ċ) is-subartikoli (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4) u (5) tiegħu; u

(d) is-subartikolu (3) kif enumerat mill-ġdid għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru jista' jagħti estensjoni għal kull ċertifikat mogħti skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att dwar kull bastiment Malti għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur mid-data meta ċ-ċertifikat, kieku ma kinitx l-estensjoni, kien jiddekadi.".

Emenda ta' l-artikolu 251 ta' l-Att prinċipali.

**89.** L-artikolu 251 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "(f'dan l-Att imsejha "il-Konvenzjoni dwar is-Sinjal tat-Tagħbija")." fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "jew kull konvenzjoni internazzjonali oħra jew protokoll ieħor li jkollhom x'jaqsmu mas-sinjali tat-tagħbija li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika jew aderixxa għalihom (f'dan l-Att imsejha "il-Konvenzjoni dwar is-Sinjal tat-Tagħbija").": u

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Kull riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għal konvenzjoni internazzjonali jew protokoll għandha tinkludi riferenza għal kull emenda għall-konvenzjoni jew għall-protokoll li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika, aderixxa għaliha jew aċċetta.".

**90.** L-artikoli 278 sa 283, it-tnejn inklużi, ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Sostituzzjoni ta' l-artikoli 278 sa 283 ta' l-Att prinċipali.

"Bastimenti mhux tajbin għall-baħar.

278. (1) Għall-għanijiet ta' l-artikoli 278 sa 283Ċ ta' dan l-Att, bastiment ikun "bastiment mhux tajjeb għall-baħar" jew "bastiment perikoluż" jew jitqies bħala "meta l-bastiment ma jkunx tajjeb għall-baħar" jekk, meta titqies ix-xorta tas-servizz li għalih ikun maħsub, il-bastiment, minħabba fl-affarijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ma jkunx tajjeb li jbaħħar mingħajr periklu għall-ħajja, għall-proprjeta` jew għall-ambjent marittimu.

(2) L-affarijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma -

(a) il-kondizzjoni jew l-istat difettuż għall-għan li għalih ikun maħsub -

(i) tal-bastiment jew tal-buq jew tat-tagħmir jew tal-makkinarju tiegħu, jew

(ii) ta' xi biċċa mill-bastiment jew mill-buq jew mit-tagħmir jew mill-makkinarju tiegħu;

(b) ekwipaġġ nieqes;

(ċ) tagħbija żejda jew tagħbija perikoluża jew ħażina;

(d) nuqqas ta' għarfien sew mill-kaptan sew mill-ekwipaġġ ta' proċeduri essenzjali abbord il-bastiment għar-rigward tas-sigurtà ta' bastimenti;

(e) kull ħaġ'oħra rilevanti għas-sigurtà tal-bastiment inkluż il-fatt, mingħajr pregudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, li l-bastiment jkun qiegħed jikser xi regolament magħmul taħt it-Taqsima VA ta' dan l-Att;

u qegħdin jissemmew fl-artikoli 278 sa 283Ċ ta' dan l-Att, għar-rigward ta' bastiment, bħala "l-affarijiet rilevanti għas-sigurta` tiegħu".

(3) Fl-artikoli 278 sa 283Ċ ta' dan l-Att, "ibaħħar" għandha, fil-każ meta s-servizz li għalih il-bastiment ikun maħsub ikun dak ta' l-għemil ta' vjaġġi jew eskursjonijiet li ma jkunux tbaħħir, tiftiehem bħala "toħroġ għal vjaġġ jew eskursjoni bħal dawk".

Reat għal min ibaħħar bastimenti mhux tajbin għall-baħar.

279. (1) Jekk xi persuna tibgħat jew tipprova tibgħat, jew tieħu sehem biex jintbagħat jew f'attentat biex jintbagħat, bastiment fuq il-baħar meta l-bastiment ma jkunx tajjeb għall-baħar hekk li x'aktarx tiġi perikolata l-ħajja ta' xi persuna, hi tista' teħel, kemm-il darba ma tippruvax li tkun użat il-mezzi kollha xierqa biex il-bastiment jintbagħat fuq il-baħar fi stat tajjeb li jbaħħar jew li t-tbaħħir tal-bastiment meta ma kienx f'dak l-istat tajjeb li jbaħħar kien raġonevoli u ġustifikat fiċ-ċirkostanzi, għal kull reat priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* jew dik il-priġunerija u dik il-multa flimkien.

(2) Jekk il-kaptan ta' bastiment xjentement jieħu l-bastiment fuq il-baħar meta ma jkunx fi stat tajjeb għall-baħar hekk li x'aktarx tiġi perikolata l-ħajja ta' xi persuna, hu jista' jeħel, kemm-il darba ma jippruvax li t-tbaħħir tal-bastiment meta ma kienx f'dak l-istat tajjeb għall-baħar kien raġonevoli u ġustifikat fiċ-ċirkostanzi, għal kull reat priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* jew dik il-priġunerija u dik il-multa flimkien.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull persuna li tibgħat jew tipprova tibgħat, jew tieħu sehem biex

jintbaghat jew f'attentat biex jintbaghat, bastiment barrani fuq il-baħar minn port f'Malta.

Obbligi dwar jekk bastiment ikunx tajjeb għall-baħar relattivament għall-ekwipaġġ.

280. (1) F'kull kuntratt ta' servizz, espress jew mifhum, bejn is-sid ta' bastiment u l-kaptan jew xi baħri tiegħu, u f'kull att ta' apprendistat li bih xi persuna jkollha sservi ta' apprendist abbord xi bastiment, għandu jkun mifhum, minkejja kull ftehim kuntrarju, li jkun hemm l-obbligu tas-sid tal-bastiment li s-sid tal-bastiment u l-kaptan u kull persuna inkarigata bit-tagħbija tal-bastiment, jew fit-tħejjija tal-bastiment għall-baħar, jew biex il-bastiment ibaħħar, jużaw il-mezzi kollha xierqa biex jiżguraw li l-bastiment ikun tajjeb għall-baħar fuq il-vjaġġ fil-waqt li jkun se jibda dak il-vjaġġ u li matul il-vjaġġ iżommu l-bastiment fi stat tajjeb li jbaħħar għal dak il-vjaġġ.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tagħmel lis-sid ta' bastiment responsabbli minħabba li l-bastiment ikun intbagħat fuq il-baħar meta ma kienx fi stat tajjeb għall-baħar jekk, minħabba ċirkostanzi speċjali, kien raġonevoli u ġustifikat li jintbgħat il-bastiment fuq il-baħar.

Setgħa li bastimenti perikolużi jiġu miżmuma.

281. (1) Meta r-Reġistratur-Ġenerali jkun jidhirlu li bastiment Malti, li jkun f'xi port f'Malta jew barra minn Malta, jew bastiment barrani, li jkun f'xi port f'Malta, jkun bastiment perikoluż, ir-Reġistratur-Ġenerali jista' -

(a) fil-każ ta' bastiment Malti, jkun fejn ikun, jissospendilu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u jipprojbih milli jbaħħar; jew

(b) fil-każ ta' bastiment Malti f'xi port f'Malta, jew ta' bastiment barrani, jara li dan jiġi miżmum, sakemm ikun sodisfatt li dan ikun jista' jbaħħar.

(2) Meta l-bastiment jiġi miżmum bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur-Ġenerali jista' jadotta kull miżura jew mezz li jidhirlu li jkunu xierqa jew meħtieġa sabiex izomm il-bastiment milli jsalpa sakemm ikun għadu mhux tajjeb għall-baħar.

(3) Meta bastiment ikun ġie miżmum taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu -

(a) għandu jiġi minnufih notifikat lill-kaptan tal-bastiment avviż ta' detenzjoni li jkun jispeċifika r-

raġunijiet għaliex dak il-bastiment ikun ġie miżmum u jwaqqfu milli jbaħħar sakemm jiġi mitluq;

(b) fil-każ ta' bastiment barrani, kopja ta' dak l-avviż ta' detenzjoni għandu minnufih jintbagħat lill-eqreb uffiċċju konsulari tal-pajjiz fejn ikun jappartjeni l-bastiment;

(ċ) ir-Reġistratur-Ġenerali jista f'kull żmien, jekk jidhirlu spedjenti, jibgħat il-kwistjoni lill-qorti ta' spezzjon; u

(d) ir-Reġistratur-Ġenerali jista' f'kull żmien, jekk ikun sodisfatt li dak il-bastiment ma jkunx għadu perikoluż, jordna li jiġi mitluq jew taħt kondizzjonijiet jew mingħajrhom.

(4) Bastiment li jiġi miżmum skond dan l-artikolu ma jiġix mitluq jekk wara tkun ingħalqet ir-reġistrazzjoni Maltija tiegħu.

Riferenzi ta' avviżi ta' detenzjoni lill-qorti ta' spezzjon.

282. (1) Kull kwistjoni dwar jekk xi ħaġa, speċifikata għar-rigward ta' bastiment f'avviż ta' detenzjoni skond l-artikolu 281 ta' dan l-Att, u li dwarha r-Reġistratur-Ġenerali jkun għamel fehma, tkunx tassew ikkostitwiet bażi valida għal dik il-fehma, għandha, jekk il-kaptan jew is-sid tal-bastiment ikun hekk jeħtieġ b'avviż mogħti lir-Reġistratur-Ġenerali fi żmien għaxart ijiem min-notifika ta' l-avviż ta' detenzjoni, tiġi riferita lill-qorti ta' spezzjon.

(2) Meta jingħata avviż mill-kaptan jew mis-sid tal-bastiment skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-għoti ta' l-avviż ma għandux jissospendi t-tħaddim ta' l-avviż ta' detenzjoni, sakemm ma jsirx rikors mill-persuna li tkun qed titlob ir-riferenza u l-qorti ta' spezzjon tordna li jsir dan.

(3) F'dak kollu li jwassal għad-deċizjoni tagħha, il-qorti ta' spezzjon għandha tqis kull ħaġ'oħra li ma tkunx imsemmija fl-avviż ta' detenzjoni li tkun tidhrilha bħala rilevanti dwar jekk il-bastiment kienx bastiment perikoluż jew le.

(4) Meta dwar riferenza taħt dan l-artikolu, il-qorti ta' spezzjon tiddeċiedi għar-rigward ta' xi ħaġa li dwarha tkun ir-riferenza, li fiċ-ċirkostanzi kollha il-ħaġa ma kienetx tikkostitwixxi bażi valida għall-fehma tar-Reġistratur-Ġenerali, il-qorti għandha jew tħassar l-avviż ta' detenzjoni

jew inkella taffermah b'dawk il-bidliet hekk kif tista', fiċ-ċirkostanzi, tqis li jkunu xierqa; u f'kull każ ieħor, il-qorti ta' spezzjon għandha tafferma l-avviż fl-għamla oriġinali tiegħu.

(5) Il-qorti ta' spezzjon għandha tinkludi fid-deċiżjoni tagħha riżultanza dwar jekk kienx hemm bazi valida jew le biex il-bastiment jinżamm bħala bastiment perikoluż.

(6) Meta s-sid jew il-kaptan ta' bastiment barrani, li jkun f'xi port f'Malta, jappella quddiem il-qorti ta' spezzjon, l-uffiċjal konsulari msemmi fl-artikolu 281 ta' dan l-Att jista', fuq talba tiegħu, jaħtar persuna kompetenti biex jagħmilha ta' assessur minflok dak l-assessur illi, li kieku l-bastiment kien bastiment Malti, kien jinħatar xort'oħra milli mill-Ministru.

Kumpens għal meta bastiment jinżamm invalidament.

283. (1) Meta dwar riferenza taħt l-artikolu 282 ta' dan l-Att għar-rigward ta' avviż ta' detenzjoni dwar xi bastiment -

(a) il-qorti ta' spezzjon tiddeċiedi li xi ħaġa ma kienetx tikkostitwixxi bażi valida għall-fehma tar-Reġistratur Ġenerali, u

(b) il-qorti ta' spezzjon ikun jidhrilha li ma kienx hemm raġunijiet validi għar-Reġistratur Ġenerali biex jagħmel dik il-fehma,

il-qorti ta' spezzjon tista' tiddeċiedi bħala dovut lil sid il-bastiment dak il-kumpens għar-rigward ta' kull telf imġarrab minnu b'konsegwenza taż-żamma tal-bastiment, hekk kif il-qorti ta' spezzjon tqis xieraq.

(2) Kull kumpens mogħti taħt dan l-artikolu għandu jiġi mħallas mill-Awtorità.

Responsabbiltà dwar spejjeż.

283A. (1) Meta bastiment jiġi miżmum jew ikollu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tiegħu sospiż skond l-artikolu 281 ta' dan l-Att, is-sid tal-bastiment jista' jkollu jħallas lir-Reġistratur-Ġenerali l-ispejjez tiegħu minħabba u inċidentali għaż-żamma tal-bastiment.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu l-ispejjeż minħabba u inċidentali għal kull miżura jew mezz adottati skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 281 ta' dan l-Att u għall-proċedimenti kollha quddiem qorti ta' spezzjon, ikunu parti

mill-ispejjeż taż-żamma tal-bastiment, u kull kwistjoni dwar l-ammont ta' dawn l-ispejjeż għandha tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qrati li għandu, fuq talba tar-Reġistratur-Ġenerali, jistabbilixxi u jiċċertifika l-ammont xieraq ta' dawk l-ispejjez.

Is-sid u l-kaptan, it-tnejn responsabbli għal bastiment perikoluż.

283B. (1) Meta bastiment Malti, li jkun f'xi port f'Malta jew barra minn Malta, jew bastiment barrani, li jkun f'xi port f'Malta, jkun perikoluż, għaldaqshekk, bla ħsara għas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu, kull wieħed mill-kaptan u mis-sid tal-bastiment ikun ħati ta' reat.

(2) Meta, fil-waqt li bastiment ikun perikoluż, ir-responsabbiltà tas-sid dwar dak li għandu x'jaqsam mas-sigurezza tiegħu jkunu ġew meħuda (sew għalkollox sew f'parti minnhom) minn xi persuna jew persuni li ma jkunux huma s-sid, u jkunu ġew hekk meħuda minn dik il-persuna jew (skond kif jista' jkun il-każ) minn kull wieħed minn dawk il-persuni jew -

(a) direttament, skond il-pattijiet ta' *charter-party* jew ta' ftehim ta' maniġġament magħmul mas-sid, jew

(b) indirettament, taħt il-pattijiet ta' serje ta' *charter-parties* jew ta' kull ftehim ta' maniġġament,

ir-riferenza għas-sid fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tiftiehem bħala riferenza għal dik il-persuna l-oħra jew (skond kif jista' jkun il-każ) għal kull wieħed minn dawk il-persuni l-oħra.

(3) Min jinsab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf *unit* jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Jista' jkun ta' difiża fi proċedimenti għal reat taħt dan l-artikolu jekk jiġi ppruvat li fiż-żmien tar-reat allegat -

(a) kienu saru arranġamenti li kienu xierqa biex jiżguraw li qabel ma bastiment ibaħħar dan kien tajjeb għal daqstant u mingħajr periklu gravi għall-ħajja tal-bniedem minħabba f'dawk il-ħwejjeġ li huma rilevanti għas-sigurezza tiegħu kif ikunu speċifikati fl-akkuża; jew

(b) kien raġonevoli li dawk l-arranġamenti ma kienux saru.

(5) Jista' wkoll ikun ta' difiża fi proċedimenti għal reat taħt dan l-artikolu jekk jiġi ppruvat -

(a) li taħt il-pattijiet ta' *charter-party* wieħed jew iktar jew ta' kull ftehim ta' maniġġament li l-akkużat ikun parti fih, ir-responsabbiltajiet rilevanti, jiġifieri -

(i) meta l-akkużat ikun is-sid, kull responsabbiltà tiegħu għar-rigward tal-ħwejjeġ rilevanti għas-sigurezza tal-bastiment, jew

(ii) meta jistgħu jsiru proċedimenti kontra l-akkużat bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, daqstant minn dawk ir-responsabbiltajiet daqskemm ikunu ġew meħuda minnu kif imsemmi f'dak is-subartikolu,

kienu fiż-żmien tar-reat allegat għalkollox meħudin minn xi persuna jew persuni oħra li huma parti f'dawk il-pattijiet; u

(b) li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ l-akkużat kien ħa dawk il-passi bħalma kien raġonevoli għalih li jieħu, u ezerċita diliġenza tali bħalma kien raġonevoli għalih li jeżerċita, sabiex jiżgura t-twettiq xieraq ta' kull responsabbiltà rilevanti matul iż-żmien meta dawk ir-responsabbiltajiet kienu meħuda minn xi persuna jew persuni oħra bħalma hemm imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu;

u, sabiex jiġi stabbilit jekk l-akkużat ikunx għamel dan, għandhom b'mod partikolari jitqiesu dawk il-ħwejjeġ li hemm imsemmija fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(6) Dawk il-ħwejjeġ huma -

(a) jekk fi żmien qabel ma jkun sar l-allegat reat kienx jaf l-akkużat, jew fiċ-ċirkostanzi kollha kellux raġonevolment ikun jaf, b'xi nuqqas fit-twettiq tar-responsabbiltajiet rilevanti; u

(b) sa liema limitu seta' jew ma setax l-akkużat, taħt il-pattijiet ta' xi *charter-party* jew ftehim ta' maniġġament bħalma hemm imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu -

(i) itemm, jew

(ii) jintervjeni fil-maniġġ tal-bastiment, fil-każ ta' xi nuqqas bħal dak, u jekk kienx raġonevoli li l-akkużat iqiegħed lilu nnifsu f'dik il-pożizzjoni.

(7) F'dan l-artikolu -

"ftehim ta' maniġġament", dwar bastiment, tfisser kull ftehim (li ma jkunx *charter-party* jew kuntratt ta' impieg) li bis-saħħa tiegħu il-bastiment jiġi maniġġat, sew għalkollox sew biss f'parti, minn persuna li ma tkunx is-sid (sew f'isem is-sid jew f'isem xi persuna oħra); u

"responsabbiltajiet rilevanti" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu.

(8) Riferenzi f'dan l-artikolu għal responsabbiltajiet meħudin minn persuna taħt il-pattijiet ta' *charter-party* jew ta' xi ftehim ta' maniġġament huma riferenzi għal responsabbiltajiet hekk meħudin minnu sew jekk ikun daħal f'*charter-party* jew ftehim ta' maniġġament ulterjuri li jkunu jipprovdu li dawk ir-responsabbiltajiet ikunu meħudin minn xi persuna oħra.

Is-sid responsabbli għat-tħaddim perikoluż tal-bastiment.

283Ċ. (1) Ikun id-dmir tas-sid ta' bastiment li dan l-artikolu japplika għalih li jieħu kull pass raġonevoli sabiex jiżgura li l-bastiment jitħaddem b'mod sigur.

(2) Dan l-artikolu japplika għal bastiment Malti, li jkun qiegħed f'xi port f'Malta jew barra minn Malta, u għal bastiment barrani, li jkun qiegħed fil-limiti ta' l-ibħra territorjali ta' Malta filwaqt li jkun qed ibaħħar lejn jew minn xi port f'Malta, kemm-il darba dak il-bastiment ma jkunx qiegħed ibaħħar b'dak il-mod minħabba fil-kondizzjonijiet tat-temp jew minħabba ċirkostanzi oħra inevitabbli.

(3) Jekk is-sid ta' bastiment li għalih japplika dan l-artikolu jonqos milli jwettaq id-dmir fuqu mqiegħed bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, huwa jista' jeħel multa

ta' mhux iżjed minn elf *unit* jew prigunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

(4) Meta bastiment bħal dak -

(a) ikollu *demise charter*, jew

(b) ikun maniġġat, sew għalkollox sew biss f'parti, minn persuna li ma tkunx is-sid taħt il-pattijiet ta' ftehim ta' maniġġament fi ħdan it-tifsira ta' l-artikolu 283B,

kull riferenza għas-sid tal-bastiment fis-subartikolu (1) jew (3) ta' dan l-artikolu għandha tiftiehem bħala li tinkludi riferenza -

(i) għan-nolleġġatur fil-każ ta' *demise charter*, jew

(ii) għal xi *manager* bħal dak imsemmi fil-paragrafu (b) hawn aktar qabel, jew

(iii) (jekk il-bastiment ikun sew fuq *charter* sew immaniġġat kif hawn aktar qabel imsemmi) għal sew in-nolleġġatur sew kull *manager* bħal dak,

u skond hekk ir-riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għat-teħid ta' kull pass raġonevoli għandha tiftiehem, għar-rigward tas-sid, tan-nolleġġatur jew ta' kull *manager* bħal dak, bħala riferenza għat-teħid ta' dawk il-passi kollha bħalma hu raġonevoli għalih li jieħu fiċ-ċirkostanzi tal-każ.".

**91.** Minnufih wara t-Taqsima V ta' l-Att prinċipali għandha tiżdied din it-Taqsima ġdida li ġejja:

Iżid it-Taqsima VA ġdida u l-artikolu 308A ma' l-Att prinċipali.

"TAQSIMA VA

THARIS MINN TINĠIS LI JSIR MINN BASTIMENTI

Tharis minn tinġis li jsir minn bastimenti.

308A. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti hekk kif jidhirlu meħtieġa sabiex jagħti seħħ lil xi provvediment minn xi wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika, aderixxa għalihom jew aċċetta -

(a) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tharis mit-Tinġis li jsir minn Bastimenti ffirmata f'Londra fit-2 ta' Novembru, 1973 u l-Protokoll għaliha ffirmat f'Londra fis-17 ta' Frar, 1978 (inklużi l-protokolli, annessi u appendiċi relattivi);

(b) il-Protokoll li jirrigwarda l-Intervent fil-Baħar Miftuħ f'Każijiet ta' Tinġis Marittimu minn Sustanzi li mhumiex Żejt, iffirmat f'Londra fit-2 ta' Novembru, 1973;

(ċ) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tħejjija, Azzjoni u Koperazzjoni fit-Tinġis miż-Żejt, iffirmata f'Londra fit-30 ta' Novembru, 1990; u

(d) kull ftehim internazzjonali mhux imsemmi fil-paragrafi (a) sa (ċ) hawn aktar qabel imsemmija li jirrigwarda t-tharis, tnaqqis jew kontroll ta' tinġis tal-baħar jew ta' ilmijiet oħra b'materjal ġej minn bastimenti jew li jirregola r-responsabbiltà ta' persuna li titnissel mit-tinġis tal-baħar jew ta' ilmijiet oħra;

u fil-paragrafu (d) hawn aktar qabel ir-riferenza għal ftehim tinkludi ftehim li jipprovdi dwar il-modifika ta' xi ftehim ieħor, inkluża l-modifika ta' ftehim imsemmi fil-paragrafi (a) sa (ċ) hawn aktar qabel imsemmija.

(2) Riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għal xi ftehim jew konvenzjoni jew protokoll internazzjonali għandha tinkludi riferenza għal kull emenda għal dak il-ftehim jew konvenzjoni jew protokoll li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika, iffirma jew aċċetta.

(3) Is-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sabiex isiru provvedimenti bil-għan li jingħata seħħ lil xi ftehim jinkludu s-setgħa li jiġi pprovdut dwar id-dħul fis-seħħ tal-provvediment minkejja li l-ftehim jista' jkun għadu ma ġiex fis-seħħ.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 312 ta' l-Att prinċipali.

**92.** L-artikolu 312 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Disgrazzji dwar bastimenti.

312. Disgrazzja dwar bastiment għandha titqies li tiġri meta -

(a) xi bastiment attwalment jew x'aktarx jintilef, jiġi abbandunat, jinkalja jew ikollu ħsarat sostanzjali;

(b) xi bastiment jew dgħajsa fuq bastiment jew merkanzija minn fuq dak il-bastiment tkun attwalment jew x'aktarx ikkaġunat xi telf, abbandun, inkaljar jew ħsara sostanzjali, inklużi t-telf ta' ħajja ta' xi ħadd jew il-ħsara fil-persuna ta' xi ħadd;

(ċ) it-telf ta' ħajja ta' xi ħadd jiġri abbord xi bastiment jew xi dgħajsa ta' bastiment;

(d) xi ħadd ikun ġarrab feriment abbord xi bastiment jew dgħajsa ta' bastiment;

(e) il-Ministru b'regolamenti jkun hekk ippreskriva.".

**93.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 313 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar u minfloku jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

**Emenda ta' l-artikolu 313 ta' l-Att prinċipali.**

"(1) Inkjesta preliminari rigward disgrazzja dwar bastiment tista' ssir minn dik il-persuna li tkun nominata mill-Ministru meta -

(a) disgrazzja dwar bastiment tkun attwalment jew x'aktarx tinvolvi bastiment Malti; jew

(b) disgrazzja dwar bastiment tkun attwalment jew x'aktarx tinvolvi kull bastiment li jkun, u dik id-disgrazzja tkun ġrat fuq ix-xtut ta' Malta, inkluża kull stallazzjoni f'xi port jew faċilità għat-tiswija ta' bastimenti, jew fuq il-baħar fil-limiti territorjali taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta, jew meta xi xhud ikun jinsab Malta; jew

(ċ) il-Ministru b'regolamenti jkun hekk ippreskriva.".

**94.** Minflok il-kliem "li tista' tqis" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 364 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "li l-Awtorita` tista' tqis".

**Emenda ta' l-artikolu 364 ta' l-Att prinċipali.**

**95.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 367 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

**Emenda ta' l-artikolu 367 ta' l-Att prinċipali.**

"(5) (a) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-kriterji li bihom organizzazzjonijiet jew korpi ta' *surveyors* jistgħu jiġu rikonoxxuti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.

(b) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu l-Ministru jista' b'ordni jagħmel

lista ta' organizzazzjonijiet jew ta' korpi ta' *surveyors* li jkunu rikonoxxuti minn xi Stat ieħor jew minn xi korp internazzjonali bħala li jissodisfaw l-inqas kriterji li jistgħu jiġu stipulati f'xi regolament magħmul taħt il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu, u jista' b'ordni sussegwenti, jemenda, iħassar jew jissostitwixxi kull ordni bħal dak.

(ċ) Kull organizzazzjoni jew korp li jkunu jidhru f'lista bħal dik provdut dwarha fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu għandhom jiġu rikonoxxuti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 368 ta' l-Att prinċipali.

**96.** Il-kliem "kull ċertifikat tal-kaptan, ta' uffiċjal jew inġinier" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 368 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem" kull ktieb, ċertifikat (inklużi ċertifikati ta' kompetenza), karta jew dokument".

Emenda ta' l-artikolu 371 ta' l-Att prinċipali.

**97.** Minnufih wara l-kliem "uffiċjal konsulari ta' Malta," fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 371 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "jew spettur xieraq,".

Żieda ta' l-artikolu 372Ċ ġdid ma' l-Att prinċipali.

**98.** Minnufih wara l-artikolu 372B ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Valur tal-*unit*.

372Ċ. Il-kelma *"unit"* b'riferenza għal kull multa li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att għandha tkun ekwivalenti għal lira waħda jew għal dak l-ammont l-ieħor li l-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'ordni minn żmien għal żmien jistabbilixxi.".

Żieda ta' l-artikolu 375 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**99.** Minnufih wara l-artikolu 374 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ratifika eċċ. ta' ċerti trattati eċċ. relattivi għall-bastimenti merkantili.

Kap. 304.

375. (1) Għall-għanijiet ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati, il-Gvern ta' Malta qiegħed b'dan jingħata s-setgħa li jirratifika, jew li jaċċedi għat-trattati jew konvenzjonijiet (inklużi protokolli, annessi u appendiċi relattivi) li jirreferu għall-bastimenti merkantili elenkati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, u l-Ministru jista' malli ssir ir-ratifika jew l-aċċessjoni ta' xi wieħed minn dawk it-trattati jew konvenzjonijiet jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ lill-provvedimenti tagħhom, u dik is-setgħa għandha tinkludi s-setgħa li jiġi pprovdut li kull provvediment ta' dan l-Att li ma jkunx konsistenti mal-provvedimenti ta' xi trattat jew konvenzjoni bħal dawk ma għandux jibqa' japplika.

(2) It-trattati u konvenzjonijiet li għalihom jirreferi s-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) Konvenzjoni dwar il-Limitazzjoni ta' Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi, ffirmata f'Londra fid-19 ta' Novembru, 1976;

(b) Protokoll ta' l-1996 biex jemenda l-Konvenzjoni ta' l-1976 dwar il-Limitazzjoni ta' Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi, ffirmata f'Londra fit-2 ta' Mejju, 1996;

(ċ) Konvenzjoni ta' Ateni rigward it-Trasport ta' Passiġġieri u Valiġġi Tagħhom bil-Baħar, iffirmata f'Ateni fit-13 ta' Diċembru, 1974;

(d) Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Ateni rigward it-Trasport ta' Passiġġieri u Valiġġi Tagħhom bil-Baħar, iffirmat f'Londra fid-19 ta' Novembru, 1976;

(e) Protokoll ta' l-1990 biex jemenda l-Konvenzjoni ta' l-1974 ta' Ateni rigward it-Trasport ta' Passiġġieri u Valiġġi Tagħhom bil-Baħar, iffirmat f'Londra fid-29 ta' Marzu, 1990;

(f) Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Salvataġġ, iffirmata f'Londra fit-28 ta' April, 1989;

(ġ) Konvenzjoni għas-Soppressjoni ta' Attijiet Illeġittimi Kontra s-Sigurtà tan-Navigazzjoni Marittima, ffirmata f'Ruma fl-10 ta' Marzu, 1988;

(ħ) Protokoll għas-Soppressjoni ta' Attijiet Illeġittimi Kontra s-Sigurtà ta' Pjattaformi Fissi li Jinsabu fuq il-Blata Kontinentali, ffirmata f'Ruma fl-10 ta' Marzu, 1988;

(i) Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ, iffirmata f'Amburgu fis-27 ta' April, 1979;

(j) Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Ħsara li għandha x'taqsam mal-Ġarr ta' Sustanzi Perikolużi u Noċivi bil-Baħar, iffirmata f'Londra fit-3 ta' Mejju, 1996;

(k) Konvenzjoni Internazzjonali għal *Containers* Siguri, ffirmata f'Ġinevra fit-2 ta' Diċembru, 1972;

(l) Protokoll ta' Torremolinos ta' l-1993 dwar il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Torremolinos ta' l-1977 għas-Sigurtà ta' Bċejjeċ tas-Sajd, iffirmat f'Torremolinos fit-2 ta' April, 1993;

(m) Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Garanziji Marittimi u l-Ipoteki Navali, ffirmata f'Ġinevra fis-6 ta' Mejju, 1993;

(n) Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1999 fuq l-Arrest ta' Bastimenti, ffirmata f' Ġinevra fit-12 ta' Marzu, 1999;

(o) Konvenzjoni ta' l-1976 (Nru. 147) dwar *Standards* Minimi fit-Tbaħħir Merkantili, ffirmata f'Ġinevra fit-13 ta' Ottubru, 1976;

(p) Protokoll ta' l-1996 għall-konvenzjoni ta' l-1976 dwar *Standards* Minimi fit-Tbaħħir Merkantili, ffirmat f'Ġinevra fit-22 ta' Ottubru, 1996;

(q) Konvenzjoni ta' l-1970 (Nru. 134) dwar il-Prevenzjoni ta' Inċidenti għall-Baħħara, ffirmata f'Ġinevra fit-13 ta' Ottubru, 1970;

(r) Konvenzjoni Riveduta ta' l-1949 (Nru. 92) dwar l-Akkommodazzjoni ta' l-Ekwipaġġ, iffirmata f'Ġinevra fit-8 ta' Ġunju, 1949;

(s) Konvenzjoni ta' l-1970 (Nru. 133) dwar Provvedimenti Supplimentari dwar l-Akkommodazzjoni ta' l-Ekwipaġġ, iffirmata f'Ġinevra fl-14 ta' Ottubru, 1970;

(t) Konvenzjoni ta' l-1926 (Nru. 23) dwar ir-Rimpatriju ta' Baħħara, ffirmata f'Ġinevra fis-7 ta' Ġunju, 1926;

(u) Konvenzjoni Riveduta ta' l-1987 (Nru. 166) dwar ir-Rimpatriju ta' Baħħara, ffirmata f'Ġinevra fl-24 ta' Settembru, 1987;

(v) Konvenzjoni ta' l-1946 (Nru. 68) dwar l-Ikel u *Catering* għall-Ekwipaġġ tal-Bastimenti, ffirmata f'Seattle fis-6 ta' Ġunju, 1946;

(w) Konvenzjoni ta' l-1996 (Nru. 178) dwar Spezzjon ta' Baħħara fuq ix-Xogħol, iffirmata f'Ġinevra fit-22 ta' Ottubru, 1996;

(x) Konvenzjoni ta' l-1996 (Nru. 180) dwar is-Siegħat tax-Xogħol għall-Baħħara u l-Ekwipaġġament ta' Bastimenti, ffirmata f'Ġinevra fit-22 ta' Ottubru, 1996;

(y) Konvenzjoni ta' l-1936 (Nru. 55) dwar ir-Responsabbilità ta' Sidien il-Bastimenti dwar Baħħara Morda u Feruti, ffirmata f'Ġinevra fis-6 ta' Ottubru, 1936;

(ż) Konvenzjoni ta' l-1987 (Nru. 164) dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u l-Kura Medika għall-Baħħara, ffirmata f'Ġinevra fl-24 ta' Settembru, 1987.

(3) Il-Ministru għandu, malli ssir ir-ratifika jew l-aċċessjoni għal xi trattat jew konvenzjoni li għalihom jirreferi dan l-artikolu, jippubblika avviż fil-Gazzetta li jkun fih id-data meta t-trattat jew il-konvenzjoni għandhom jibdew iseħħu għar-rigward ta' Malta.

(4) Il-Kamra tar-Rappreżentanti tista' b'riżoluzzjoni żżid mal-lista ta' trattati jew konvenzjonijiet fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(5) Kull riferenza f'dan l-artikolu għal trattat jew konvenzjoni jew protokoll għandha tinkludi riferenza għal xi emenda għal tali trattat jew konvenzjoni jew protokoll li l-Gvern ta' Malta jkun irratifika, aċċeda għalihom jew aċċetta.".

**100.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA

[Artikolu 69]

DOKUMENTI LI JKUNU FIL-FORMA PRESKRITTA MILL-MINISTRU

1. Ċertifikat Proviżorju ta' Reġistrazzjoni
2. Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni
3. Tiġdid ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni

4. Ċertifikat Provizorju ta' Reġistrazzjoni ta' *Bareboat Charter*
5. Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' *Bareboat Charter*
6. Tiġdid ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' *Bareboat Charter*
7. Ċertifikat ta' *Surveyor*
8. Dikjarazzjoni ta' proprjetà minn sid individwali
9. Dikjarazzjoni ta' proprjetà minn akkwirent individwali
10. Dikjarazzjoni ta' proprjetà f'isem korp ġuridiku bħala sid
11. Dikjarazzjoni ta' proprjetà f'isem korp ġuridiku bħala akkwirent
12. Dikjarazzjoni ta' sid li jakkwista bi trasmissjoni
13. Dikjarazzjoni tal-kreditur ipotekarju li jakkwista bi trasmissjoni
14. Dikjarazzjoni ta' *bareboat charter* minn nolleġġatur individwali
15. Dikjarazzjoni ta' *bareboat charter* f'isem korp ġuridiku bħala nolleġġatur
16. Att ta' Bejgħ
17. Ipoteka Navali
18. Trasferiment ta' Ipoteka Navali
19. Privileġġ Speċjali".

Emenda tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

**101.** Il-Kodiċi Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-artikolu 1717 tiegħu għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċerti kuntratti m' għandhomx jitqiesu b'logħob u mħatri.

1717A. Ebda dejn jew obbligazzjoni oħra li titnissel minn xi kuntratt dwar divrenzji, ftehim dwar l-ogħla mgħax, bdil, kambju ta' munita barranija jew xi ftehim ieħor bħal dak li jkollu bħala għanijiet jew li l-għan intiż tiegħu jkun biex jiżgura profitt jew jevita telfien (b'riferenza għal fluttwazzjonijiet fil-valur jew fil-prezz ta' proprjetà ta' kull deskrizzjoni jew f'xi indiċi jew fattur ieħor maħsub għal dak il-għan fil-kuntratt) ma għandu jkun null u inesegwibbli minħabba fid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titlu jew ta' kull liġi oħra li jkollha x'taqsam mal-logħob jew l-imħatri."; u

(b) minnufih wara l-artikolu 1855 tiegħu għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Djun assikurati b'ipoteka fuq bastiment.

1855A. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titlu jew ta' kull parti oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra sakemm dawn ikunu jillimitaw jew jirrestrinġu l-ġbir ta'

mgħax u mgħax kompost, ma għandhomx ikunu japplikaw għal djun jew għal obbligazzjonijiet oħra assikurati b'ipoteka navali reġistrata jew rikonoxxuta taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u jkun leġittimu li l-ammont ta' mgħax dovut dwar xi dejn jew obbligazzjoni oħra bħal dawk ikun jeċċedi l-ammont ta' kapital dovut dwar dak id-dejn jew dik l-obbligazzjoni l-oħra.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', bil-parir tal-Bank Ċentrali ta' Malta, b'ordni jestendi d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għal dawk id-djun u obbligazzjonijiet oħra li jista' jqis adatti, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet hekk kif huwa jista' f'dak l-ordni jistabbilixxi, u jista' bl-istess mod minn żmien għal żmien jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi kull ordni hekk magħmul.".

Emenda ta' l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Att Nru. XXXVII ta' l-1990.

**102.** L-artikolu 18 ta' l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "ċertifikat ta' profiċjenza u liċenza." fl-artikolu 89 li hemm fih għandhom jidħlu l-kliem "ċertifikat ta' profiċjenza u liċenza u kull dokument ieħor simili.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 90 li hemm fih għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Ministru jista' f'dawk ir-regolamenti jawtorizza lir-Reġistratur-Ġenerali li jeżenta kull bastiment jew klassi ta' bastimenti minn kull ħtieġa jew xi waħda mill-ħtiġiet ta' dawk ir-regolamenti."; u

(ċ) l-artikolu 91 li hemm fih għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "jingħataw jew jiġu rikonoxxuti" fil-paragrafu (a) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "jingħataw, jiġu rikonoxxuti jew kontrosenjati";

(ii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jitħassar u minfloku jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) il-kondizzjonijiet għall-ħruġ, rikonoxximent jew kontrosenjar ta' ċertifikati ta' kompetenza mogħtija, rikonoxxuti jew kontrosenjati skond dan l-Att;";

(iii) minflok il-kliem "maħruġin skond" fil-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "maħrugin, rikonoxxuti jew kontrosenjati skond"; u

(iv) il-kliem "mogħtija jew rikonoxxuti skond dan l-Att" fil-paragrafu (d) tiegħu għandhom jitħassru.

Emenda konsegwenzjali ta' l-Att għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, Kap. 367.

**103.** Fit-tifsira " "post fejn isir ix-xogħol" u "post tax-xogħol" " fl-artikolu 19 ta' l-Att għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurta` fuq ix-Xogħol, il-kliem "vettura, ajruplan jew bastiment u jinkludu" għandhom jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "jew vettura u ħlief dwar l-ekwipaġġ tagħhom, jinkludu ajruplan jew bastiment inkluż".

Emenda ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

**104.** Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 431 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Iżda," fil-proviso li hemm miegħu għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll,"; u

(b) minnufih qabel il-proviso li hemm miegħu għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Ministru jista' jistabbilixxi dati differenti dwar meta d-dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att għandhom jibdew japplikaw għar-rigward ta' dawk il-kumpanniji; u".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 357 ta' l-24 ta' Lulju, 2000.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

4th August, 2000

## ACT No. XXII of 2000

*AN ACT to amend the Merchant Shipping Act, Cap. 234.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled and by the authority of the same, as follows: –

**1.** (1) This Act may be cited as the Merchant Shipping (Amendment) Act, 2000 and shall be read and construed as one with the Merchant Shipping Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title and commencement. Cap. 234.

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for shipping may, by notice in the Gazette, appoint, and different dates may be so appointed for different provisions and different purposes thereof.

**2.** Wherever the word "liri" appears in the principal Act, other than in sections 337 and 346 and in the Schedules thereto, there shall be substituted the word "units". General amendment of the principal Act.

